IT-TIENI KTIEB
TAL-ĦAMSA U
ERBGĦIN SENA

ĠUNJU

1969

JUNIOR COLLEGE
LIBRARY

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

## KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

L-EDITUR — Laqgħa ta' l-"Atlante Linguistico Mediterraneo" f'Malta ... ... ... ... ... ... facċ. 33
E. ATTARD — *Mhux Hekk?* ... ... ... ... ... ,, 34
PAWLU MIFSUD — Il-Ħarufa ta' l-Għ'd ... ... ... ,, 35
P.P. THEUMA — *Fl-Għaxija* ... ... ... ... ... ,, 37
G.Z.A. — Cecil Day-Lewis ... ... ... ... ... ... ,, 38
CHARLES COLEIRO — *Fariżina* ... ... ... ... ,, 39
ALFIE GUILLAUMIER — Padre Ottomano ... ... ,, 40
E. ATTARD — *Bott Vojt* ... ... ... ... ... ... ,, 43
KAV. Dr. V.M. PELLEGRINI, LL.D. — Santu Wistin studjat bħala Kittieb ... ... ... ,, 44
KAV. ALBERT M. CASSOLA, F.I.L., O.S.J. — *Lill-Poeti...* ,, 46
MANWEL F. ATTARD — Daqsxejn ta' Annimal... Imbagħad tgħid! ... ... ... ... ... ... ,, 47
Dr. WALLACE Ph. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. (Lond.) — *Relatività* ... ... ... ... ... ... ... ,, 52
KAV. ALBERT M. CASSOLA, F.I.L., O.S.J. — Dwar l-Arti ... ... ... ... ... ... ,, 53
SPIRO BUHAGIAR — *Fantasija u Realtà* ... ... ... ,, 57
MANWEL NICHOLAS BORG — *Twelid ta' Poeżija* ... ,, 58
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ,, 59

*LILL-MEMBRI AKKADEMIĊI*

*U*

*LILL-IMSEĦBIN TA' "IL-MALTI"*

*NAGĦTU L-AQWA U L-ISBAĦ XEWQAT*

*GĦAL*

*SENA MIMLIJA HENA U RIŻQ*

**DIRETTUR:** Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H,
34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.

**ASSISTENT DIRETTUR:** A. Cremona, Hon. D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.

**SEGRETARJU ONORARJU:** Godfrey Zarb Adami,
18, St. Christopher Street — Valletta.

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*
*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*
*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*
*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

---

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ **L-AKKADEMJA TAL-MALTI** — ĠUNJU 1969


# LAQGĦA TA' L-"ATLANTE LINGUISTICO MEDITERRANEO" F'MALTA

*Wara l-indipendenza ta' pajjiżna qegħdin naraw xejriet ġodda u ħarkiena fil-ħajja Maltija. Industrja, kummerċ, servizzi soċjali għamlu pass 'il quddiem ġmielu, hekk ukoll il-kultura ma baqgħetx lura u l-ħidma tal-moħħ qiegħda kulma tmur tixxettel u, dak li huwa aqwa, tieħu sura Maltija u bħala hekk, qiegħda tieħu qgħadha fost il-ġnus.*

*Dan il-qawmien tal-ġenju Malti qiegħed jinħass mhux biss ġewwa pajjiżna imma wkoll barra minn Malta, tant hu hekk li ħafna gvernijiet barranin kif ukoll għaqdiet u xirkiet qegħdin juru xewqa biex joqorbu lejna ħalli jaraw sewwa x'inhuma l-fehma u r-rieda tagħna l-Maltin, u milli jidher ħafna mill-barranin ħadu idea tajba u qegħdin iqisuna li nistgħu nitħalltu magħhom f'dik li hi ħidma għall-ġid u għall-ġieħ, għat-tagħlim u għat-tiġdid fil-ħajja u fl-imġiba tal-bnedmin bejniethom.*

*Dan l-aħħar kellna f'Malta kongressi u konferenzi li ġew għalihom bosta nies u mseħbin ta' għaqdiet u xirkiet imwaqqfin fl-Ewropa u barra mill-Ewropa wkoll. Lilna l-aktar li laqatna kien il-kongress li ġabru fi Gżiritna fil-*31 *ta' Marzu li għadda, il-mexxejja ta' l-*"Atlante Linguistico Mediterraneo", *u laqatna mhux biss għaliex kellna sehem fih iżda wkoll għax l-iskop u l-ħidma ta' l-*"Atlante Linguistico" *għandhom x'jaqsmu mal-ħidma u x-xogħol ta' l-Akkademja tagħna.*

*L-*"Atlante Linguistico Mediterraneo" *qiegħed jaħdem u jistħarreġ biex juri li fost il-ġnus baħħara tal-Baħar Ġewwieni hemm rabta mnissla minn ħbiberija, kuntatti, safar u snajja' li għandhom x'jaqsmu mal-baħar.*

*Din ir-rabta fasslet għamla ta' kultura mifruxa fuq in-nazzjonijiet baħħara tal-Mediterran u dik il-għamla ta' kultura fiha x'wieħed jistħarreġ u jiftaqad ħafna għax minnha wieħed jista' jagħraf liema naħiet l-aktar li tħalltu ma' xulxin u jislet tagħrif etniku, lessikografu u etimoloġiku. Dan it-tagħrif etniku hu marbut ma' l-iżvilupp soċjali, kummerċjali, letterarju u xjentifiku u jiftaħ tieqa li minnha l-għorrief jistgħu jsawru xhieda tal-ħajja tal-lum u ta' l-imgħoddi, tal-bniedem.*

*F'dak il-kongress ħadu parti għorrief u studjużi mill-Ewropa u mill-Afrika u magħhom kellhom sehem siewi Membri Akkademiċi tal-Għaqda tagħna li wrew li wkoll aħna l-Maltin għandna l-ħila u l-għerf biex nieħdu postna fil-wisa' f'okkażjonijiet internazzjonali ta' xjenza u kultura.*

*Dan il-kongress iltaqa' f'Malta għax il-mexxejja ta' l-*"Atlante Linguistico" *kienu jaħsbu li din il-gżira tagħna hi l-qofol tal-Mediterran u b'din il-laqgħa fostna saħħu dik il-fehma tagħhom u għarfu li mingħajr il-kontribut tal-għorrief Maltin l-istudju u l-iskop ta' l-*"Atlante" *ma jistax iseħħ.*

*Il-kongress għolla 'l Malta f'għajnejn il-għorrief barranin u wera s-sehem li din il-gżira jistħoqqilha fil-qasam kulturali ta' l-Ewropa, imma dan ma hux biżżejjed. Dan il-kongress għandu jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jitgħallmu iżjed dwar l-istorja ta' pajjiżhom u biex igħożżu bil-ħrara kollha dak li jkattar lil Malta Maltija.*

---

# MHUX HEKK ?

*Ta' E. ATTARD*

Ma' dawk
Li xtaqu s-sliem fuq ħsiebhom,
Imxennqa għall-ferħ
Tissieħeb qalbi,
Xħin nara l-kwiekeb
Iteptpu kollha seħer
U r-riħ mal-ħbula jgħanni:
Iwennes lil min daq
Is-semm ta' niesu............
Sakemm il-lejl inin
Bil-mod, il-mod, il-mod,
Sakemm il-lejl inin bil-mod.
.........U b'sogħba ngħanni tmiemu
u jkolli nerġa' nibda
Il-ħajja ta' ħaddieħor;
Bir-riħa tad-duħħan;
Bl-għajat tan-nies imgħaġġla
Fil-ħidma għall-quddiem!............
U jerġa' kollox għal dak li kien:
F'monotonija;
B'pbigħ ir-ras li jaqsam............
Hekk għandu jkun!
Din id-dinja............
Din dinja tal-bnedmin.

# IL-HARUFA TA' L-GHID

*Ta'* PAWLU MIFSUD

Xi xahar qabel il-Ġimgħa l-Kbira, Manwel kera żimarra minn għand Dun Mattew li kellu f'idejh il-purċissjoni bil-vari. Meta newwillu x-xelin u geżwer iż-żimarra fil-biċċa nadifa li tatu ommu, Manwel qallu:

"Issa, Dun, din is sena ħallini nerfa' l-Ħarufa fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira."

U Dun Mattew biex jiċċajta wieġbu: "Tridx terfa' s-serduk ukoll? Hekk aħjar għax flok waħda jkollok tnejn."

Imma Manweli ma kienx qed jiċċajta u b'arja ta' wieħed kbir is-sokta jkellem lix-xwejjaħ Dun Mattew u jiffittah biex iħallih jieħu l-Ħarufa għax hekk kien qallu n-Nannu Xand inkella ma kienx b'ħsiebu jagħtih xejn aktar biex jikri ż żimarra vjola.

"Taf x'qalli n-nannu Xand, Dun Mattew? Qalli issa kbirt u ma għadux jixraqli nerfa' biċċa salib ta' l-injam. Qalli din is-sena jaqbel li nibda nerfa' l-Ħarufa ta' l-Għid għax, jekk forsi ma tafx, dik kien għamilha n-Nannu tan-Nannu Xand. Ftehemna, mela, Dun Mattew?"

Dun Mattew ħares lejh u tbissimlu bil-qalb għax iggustah jarah jirraġuna qisu raġel żgħir. Ma kontx tgħid li Manweli kien għad kellu biss seba' snin u nofs, imma minn kliemu kien jurik li t-tifel kien għad jimxi 'l quddiem fl-iskola.

"Tajjeb," qallu Dun Mattew sa fl-aħħar. "Issa l-Ħarufa nwarrabha biex teħodha int, u dak in-nhar tal-purċissjoni, ejja sib lili u nnewwilhielek. Ara x'se ngħidlek: qis li ma tgħid lil ħadd minn sħabek, tafx, għax inkella jeħduli rasi u jkollok tibqa' bla Ħarufa. Mur, issa, kun imbierek."

U Manweli qal benedizzjoni bil-ħatfa u ġera 'l barra ferħan se jtir. Imma lil Dun Mattew obdih sew. Ma qal lil ħadd bil-biċċa tal-Ħarufa u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, wara li kienet intemmet il-priedka twila ta' tliet sigħat, daħal jiġri fis-Sagristija liebes iż-żimarra vjola u rhiebha jfittex lil Dun Mattew. U Dun Mattew kien żamm kelmtu wkoll. Minn rokna mwarrba mar u ġablu l-Ħarufa u wissieh biex imur isib postu dlonk. Qallu biex ma joqgħodx jilgħab biha u biex jibża' għaliha kemm jista'. Ħafna mit-tfal, meta raw lil Manweli bil-Ħarufa f'idu, bdew igergru u qalu li kien għadu żgħir biex iġorrha tul il-purċissjoni twila twila. Bdew igħidulu, xi wħud, li żgur kien se jegħja f'nofs ta' triq u mbagħad taqagħlu fl-art u titfarrak. Imma hu ma kellimhom xejn u mar sab postu qrib il-Monument, l-istatwa ta' Kristu mejjet, sakemm fl-aħħar iċċaqilqu u bdew ħerġin, tlikki tlikki, minn ġol-Knisja għal fuq iz-zuntier.

Ma ngħidu xejn, in-nies kollha tar-raħal malli raw lil dak il-qrempuċu ta' Manweli bil-Ħarufa f'idejh, bdew qishom bl-imħatra min jizzikah u jgħidlu xi ħaġa.

"Tajba, Manweli," qallu Karmnu l-Mastrudaxxa, "issa ħu ħsiebha sewwa ħalli tikber u tagħtik il-ħalib."

"Beq... beq..." beda taparsi jgħajjat Vitor, naqra ta' sabi fuq tiegħu li kien jittanta x-xemx għaddejja.

U Ketrin tal-Ħanut tal-Merċa tbissmitlu waħda kbira u pespsitlu f'widnejh: "Dik tajba, Lel, biex nixwuha l-forn."

Manwel mank kien jitbissmilha imma kien iżomm tajjeb il-Ħarufa b'idejh maħruġa 'l barra u jimxi dritt dritt tul it-triq. U malli lemaħ lin-Nannu Xand, li wara kollox kien hu li webblu bil-biċċa tal-Ħarufa, iktar ried qisu juri ruħu u ħarislu ħarrsa li biha ried kieku jfisser: "Hawn hi l-Ħarufa, Nann... kif ridna aħna t-tnejn sar. Ara kemm qed nerfagħha tajjeb."

Imma ġara, jaħasra, li t-triq tal-pruċissjoni kienet twila wisq u s-saħħa ta' dirgħajn Manweli kienet ċkejkna ħafna u, aktar ma jgħaddi l-ħin aktar beda jħossu jegħja. Dirgħajh beda jħosshom jitqalu u jinżelqu 'l isfel u l-Ħarufa bdiet ukoll tiżżerżaqlu xi naqra kultant. X'jaqbad jagħmel? Igħid lil sħabu li kien għeja u jibdilha ma' xi salib żgħir li soltu kien jerfa'? Jurihom li kien għamilha ta' prużuntuż iżżejjed u hekk jaqa' għaċ-ċajt quddiem it-tfal kollha?

Fid-daqqa u l-ħin jilmaħ riesaq lejh bil-lajma lil Dun Mattew u miegħu kellu tifel it-tampar tiegħu li kien ikaxkar warajh u jibki u jolfoq, qisu kienet se toħroġ ruħu. X'kien ġaralu lil Ġużi taz-Zija Mari?

"Ħares, Manweli," qallu jlaqlaq Dun Mattew, "ara, kuġinuk ilu jibki ħafna għax qal li jrid iżomm il-Ħarufa huwa wkoll. Ma jridx salib ta' l-injam. Qal li la rfajtha int, issa kien imiss li jġorrha daqsxejn hu. Ma tikkuntentahx, Manwel?"

Manweli, ta' makkak li kien, ma ċediex mill-ewwel għalkemm f'qalbu feraħ li l-Bambin kien bagħatlu 'l xi ħadd biex iserrħu naqra waħda. U għalkemm żgħir intebaħ li kif ġiet il-biċċa kien xorta se joħroġ ta' raġel sa l-aħħar meta fis-sewwa hu kien wasal biex jaqta' qalbu li jwassal il-Ħarufa sat-tmiem.

"Jeħodha la trid hekk, Dun," laqlaq Manweli, "issa bil-patt li jien nidħol biha l-Knisja. Meta naslu ħdejn is-Salib tal-Misraħ irid jerġa' jħalliha f'idejja. Tajjeb hekk?"

"Xi tgħid, Ġużi?" staqsa Dun Mattew lill-kuġin ta' Manweli. U dan ikkuntenta, waqaf mill-biki u ħa minnufih il-Ħarufa f'idejh u newwel is-salib li kellu lil Manweli.

U l-affari mxiet ħarir. Ġużi baqa' jżomm il-Ħarufa sakemm waslu ħdejn is-Salib tal-Misraħ waqt li kuġinuh Manweli mexa qribu,

kważi jħokk miegħu, qisu qiegħed għassa li ma jmurx, Alla ħares qatt, taqagħlu u ssir frak. U mbagħad forsi jeħel hu. Imma Ġużi żammha sod u kien pront newwilhielu lura meta kien il-waqt. U Manweli reġa' ħa f'idejh il-Ħarufa bl-asja li kellu qabel il-għaliex issa dirgħajh kienu strieħu sewwa. Anzi mexa biha wisq aħjar minn qabel u tgħidx kemm ħassu mkabbar tul din l-aħħar biċċa triq tal-purċissjoni. Sakemm daħlu l-Knisja, baqa' l-ħin kollu, jieħu gost jisma' n-nies li kienu jafuh jifirħulu li kien wassalha qawwija u sħiħa minkejja t-triq twila. Ħafna ma kinux intebhu li kuġinuh Ġużi kien għenu biċċa ġmielha mit-triq, imma ġara li dak l-imbierek ta' Vitor, xitan bil-qrun, kien intebah bl-affari kollha u rħielha jinkih u jgħidlu :"Alla ħares ma kienx kuġinuk għalik għax kieku l-Ħarufa ilha li saret biċċiet."

Imma Manweli lanqas ta każ tiegħu. Hu x'inhu, l-istorja tal-Ħarufa spiċċat hawn għal dik is-sena u s-sena ta' wara, Manweli u kuġinuh Ġużi reġgħu l-istess. Din is-sena, imma, Manweli se jerfagħha waħdu għax issa kiber u għandu qrib l-għaxar snin. U kuġinuh Ġużi, kieku stess, lanqas jista' jgħinu għax ftit xhur ilu siefer mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja. Nistgħu ngħidu, għalhekk, li għal xi sena jew tnejn oħra, il-Ħarufa ta' l-Għid u Manweli se jibqgħu ħbieb kemm-il-darba toħroġ il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

---

# FL-GĦAXIJA

*Ta' P.P. THEUMA*

Fil-kħula ta' fl-għaxija,  
Taħt sema ikħal nir  
X'ħin l-għabex qed ibexbex  
Għax-xtajta jiena ntir;

Noqgħodlok fuq il-blata  
Merfugħa għalija biss,  
Inħares lejn il-mewġa  
L-imregħda 'l sieqi tmiss.

U nħares, 'l hemm nittawwal  
Filħin 'l bogħod, 'lbogħod,  
Fid-dawl tal-kwiekeb jiddu  
Fuq l-ilma qed jirtogħod!

# CECIL DAY-LEWIS

Kull min għandu għal qalbu l-letteratura, feraħ meta sar jaf li permezz tal-British Council kien ser jiġi fostna, flimkien mal-mara tiegħu, il Poet Laurate ta' l-Ingilterra, is-Sur C. Day-Lewis.

Għalkemm is-Sur Day-Lewis hu magħruf l-aktar bħala poeta, u l-iżjed mill-1 ta' Jannar tas-sena l-oħra meta l-Maestà Tagħha għogobha taħtru bħala s-suċċessur ta' John Mansfield, b'danakollu hu beda beda l-karriera letterarja tiegħu bosta snin ilu f'qasam letterarju differenti għal kollox.

Cecil Day-Lewis twieled l-Irlanda fl-1904, imma kien għadu tarbi'a ta' sentejn biss meta l-ġenituri tiegħu ħaduh magħhom l-Ingilterra fejn baqa' dejjem igħix u jaħdem. L-ewwel skola tiegħu kienet Sherborne u wara mar f'Wadham College, Oxford. Meta ħareġ mill-Università beda jgħallem, għall-ewwel fi Skola Preparatorja u wara f'Cheltenham College. Kien sewwa sew meta kien f'dan il-Kulleġġ li beda jikteb "detective tales" taħt il-psewdonimu ta' "Nicholas Blake", billi min-naħa t'ommu kien jiġi fil-bogħod mill-famuż armirall Robert Blake ta' żmien Oliver Cromwell.

Billi bil-kitba tiegħu wara ftit tas-snin beda jaqla' biżżejjed għall-bżonnijiet tal-ħajja, hu qatagħha li jagħtiha għall-kitba u l-aktar tal-poeżija. B'hekk mexa fuq il-passi ta' antenat ieħor, l-imsemmi poeta u prożatur Oliver Goldsmith, irlandiż ukoll u li għex għal żmien twil l-Ingilterra.

Il-poeżija ta' Day-Lewis, l-istess bħal ta' sħabu W.H. Auden, Stephen Spender u Louis MacNeice hi x'aktarx lirika, didattika, mibnija fuq forom tradizzjonali, iżda mżewqa b'simboli jillustraw is-soċjetà industrijali ta' dan is-seklu u li fiha, indirettament jikkritika l-ħajja dekadenti tal-borgesija ingliża, filwaqt li jħabbar it-twaqqif ta' soċjetà marxista li hu jqis bil-wisq superjuri għas-soċjetà kapitalista. Iżda ngħaġġel nżid li fil-milja taż-żmien u tat-tiġrib tal-ħajja, Day-Lewis tbiegħed, jekk ma nfatamx għal kollox, minn dawk l-idijat u fantasiji ta' ġuvinturitu, u l-aktar minn l-aħħar gwerra 'l hawn. Ninnutaw ukoll, u kif irrimarka hu stess fid-diskors li għamel il-"British Institute", li l-edukazzjoni klassika li kien kiseb fi tfulitu u żgħożitu servietu ħafna fil-kitba poetika u b'mod speċjali fit-traduzzjoni ta' l-Enejde, l-Eklogi u l-Ġeorġiki ta' Virġilju Maru, l-istess bħalma kenitlu ta' għajnuna l-atmosfera tal-kampanja li fiha għex meta kien qed jagħmel dawk it-traduzzjonijiet.

Għalkemm s'issa semmejt biss id-"detecitve tales" u l-poeżija, irrid infittex inżid li hu kiteb ukoll għall-inqas żewġ romanzi, xi kotba għat-tfal, u ħafna artikoli ta' kritika letterarja; il-proża tiegħu hi mexxejja u ċara fil-ħsieb u t-tifsir tiegħu; magħrufa ħafna hi l-'essay' "A Hope

for Poetry", li hu ippubblika fl-1934. Għoxrin sena wara raw id-dawl l-"Collected Poems" tiegħu, u minn dak iż-żmien tliet kotba oħra ta' poeżiji.

Is-Sur Day-Lewis, barra l-ħatra tiegħu bħala "Poet Laurate" kiseb bosta unuri oħra matul ħajtu, fosthom il-Profe**s**sorat tal-Poeżija fl-Università ta' Oxford. Il-lum hu Direttur ta' *Chatto and Windus*, ditta li tippubblika bosta kotba serji u magħrufa, u "Chairman" ta' l-"Arts Council Literary Panel."

Ma nkunux qegħdin niżbaljaw meta ngħidu li l-fortuna għenitu meta għażlitlu bħala sieħba lil "Jill Balcon" li sa minn tfulitha wriet ġibda l-aktar kbira għad-deklamazzjoni u li żviluppat f'artista l-aktar fina—u fuq kollox mara li tant tieħu ħsieb żewġha għax tagħraf il-merti kbar tiegħu fil-qasam letterarju.

Aħna ta' l-Akkademja li kellna x xorti nisimgħuh jitkellem, u flimkien mas-sinjura tiegħu, jiddeklama sew il-versi tiegħu stess kif ukoll ta' oħrajn, fosthom traduzzjoni bl-Ingliż tas-sunett "Bjuda" ta' Dun Karm tagħna, u li kellna wkoll il-privileġġ noffrulu daqsxejn ta' pranzu sabiex ikun jista' jiltaqa' mal-kittieba Maltin, ħassejna ruħna kburin meta rajna kemm kien qed iħossu "at home" fostna, u forsi f'qalbna għidna li hu tassew minnu li l-għerf ma għandux fruntieri.

G.Z.A.

# FARIŻINA

*Ta'* CHARLES COLEIRO

Bħall-kobra
li taħt żaqqha
tħalli l-vacuum sħun tas-saħħa tagħha
il-kelma tista' tkun;
fit-tlugħ u l-inżul u d-dawrien
fil-kisra għamja li żżerżaqha
fuq in-naħa tal-lemin
titkaxkar fuq iż-żlieq
ta' l-odju aħdar marradi
li jtir mill-ħofra ta' moħba
fuq xifer l-ilsien.

U r-rotta timbotta
tal-ħażen midfun
ġo dħaħen ta' ħalf u ta' dagħa
qalb slaleb u inċens
u xjaten jitqallbu
jitolbu
amen.

# PADRE OTTOMANO

*Ta'* ALFIE GUILLAUMIER

## MIN KIEN OSMAN?

*(It-Tielet Taqsima)*

Kien tassew li Osman kien bin il-Gransinjur ta' dak iż-żmien, Ibrahim? Hekk kien inkiteb u ntqal, imma ċertu kittieb de Hammer, li kiteb l-istorja ta' Imperu Ottoman, qal li Zafire kienet l-imreddgħa ta' bin il-Gransinjur u li kien keċċieha għax is-sultana Hasseki ma ridithiex aktar fuq xi għira; u li dak it-tifel li kellha kien binha, bla xejn ma jiġi mill-Gransinjur. Imma tgħid, din kienet il-verità kollha? Aħna ngħarblu l-fatti sewwa u naraw jekk de Hammer kellux jew le raġun igħid hekk.

Wara l-mewt tal-kiefer Amurst IV, Gransinjur tat-Turkija, laħaq minfloku ħuh Ibrahim, li l-istess Amurat kien żamm il-ħabs bla ħtija għal sbatax-il sena sħaħ. Beda ħażin Ibrahim, għaliex neħħa minn Gran Viżir lill-Guirhem Mutafa' u minfloku qiegħed lil ommu Koisem, biex trieġi Imperu hi wara l-biża' tal-kefrijiet li kien ħalla warajh Amurat. Ibrahim iktarx kien moħħu fid-divertiment fis-serrali u l-Harem u għamel bħala kap ta' l-Ewoiki lil Aga Gellis Zumbul, reħel stmat ħafna u għaqli. Sab xbejba sabiħa jisimha Hasseki u żżewwiġha; iżda Zumbul li kien moħħu biex jogħġob lis-Sultan tiegħu, ressaqlu xbejba oħra sabiħa wisq, li kienet ilsira jisimha Zafira. Għoġbitu s-Sultan, l-iktar l-imġiba u l-ħlewwa tagħha li saħansitra għamilha sultana u kien iħobbha wisq. Jekk dawn it-tnejn min-nies kienu jinħabbu daqshekk, ma kenitx anqas l-għira u l-mibegħda ta' Hasseki lejha, u żiedet l-għira lejhom it-tnejn, ix-xwejħa Koisem. Taħwida sħiħa kien hemm fil-palazz — tliet nisa, it-tlieta slaten li ma setgħu qatt jaqblu bejniethom.

Biex tkompli tagħqad, qamet gwerra ċivili fil-pajjiż minħabba t-treġija ħażina ta' Koisem u t-tkeċċija tal-Gran Viżir Mustafà. Il-Mufti, bħala Kap tal-Liġi Mawmettana, raġel ta' dehen li kien jaf fiex se jasal il-pajjiż, ta parir tajjeb lil Ibrahim li ħadu minnufih. Huwa reġa' ta l-poter lil Mustafà, ħa l-kmand minn idejn ommu, u hekk reġa' beda jsaltan il-kwiet fil-pajjiż. Il-Mufti ħeġġeġ lil Ibrahim jagħmel wegħda li l-ewwel tifel li jkollu, joffrih lill-Profeta Mawmettu, jibagħtu l-Mekka u hemm issirlu ċ-ċirkonċiżjoni għad unur tiegħu.

Ibrahim qagħad għal kollox, iżda ma kienx jaf bl-għira li kellha Hasseki għal Zafira li kienet waslet qabilha fit-twelid tat-tarbija.

Fit-2 ta' Jannar, 1642, Zafira kellha tifel li ssemma Osman. Ferah wisq Ibrahim, u amar li jsiru lu festi kbar fil-pajjiż billi skond il-liġi dan kellu l-jedd għat-tron tat-Turkija. Fit-22 ta' Marzu, Hasseki kellha tifel li semmietu Mawmettu, li għalih saru festi kbar ukoll.

Hekk żmien l-intrigi, il-maniġġi u l-qerq — żmien li wieħed jeħles mill-ieħor biex jeħodlu postu. Hekk kien qed jiġrilu Ibrahim bl-indifferenza li kellu lejn it-treġija ta' pajjiżu. Ommu baqgħet dejjem tindaħal, u bejnha u bejn Mustafà trabbiet ċerta antipatija lejn xulxin. Beda s-sefsif fil-widnejn, it-tixwix, u qamu l-irvellijiet fil-pajjiż, u saħansitra ommu stess ħaditha kontrih u kkonfoffat mal-kbarat. Dan it-taħwid kollu waqa' fuq spallejn il-Mufti, li anki dan beda jkeskes il-Ministri; u hekk Ibraham sab ruħu waħdu. Sa fl-aħħar Ibrahim irrikorra huwa wkoll għand il-Mufti, li dan ma naqasx jisserva bir-Reliġjon u qallu li dan kollu ġej mis-Sema billi hu (Ibrahim) ma kienx żamm kelmtu fiċ-ċirkonċiżjoni ta' Ibnu Osman.

Ibrahim beża' jibgħat lil Osman għal vjaġġ hekk twil minħabba l-biża' tal-kursari, furbani u anki l-Insara, u qallu li l-wegħda tista' titħalla. Il-Mufti ma qabilx miegħu u fakkru li ġaladarba kien wiegħed, skond il-liġi tal-Qoran ma hemm l-ebda skuża. Tħawwad Ibrahim għal dan il-kliem għaliex beża' mill-qilla tas-Sema jekk ma jobdix lill-Profeta. Għalhekk iddeċieda li jibgħat lill-Prinċep Osman biex tkun tkompliet il-wegħda.

Din l-aħbar saret magħrufa mal-Palazz kollu, u Hasseki, il-għadu ta' Zafira, kompliet tkebbset bil-mibegħda għaliha u riedet tinvelenaha. Ibrahim ma damx ma sar jaf b'dan, u Hasseki biex tiġġustifika ruħha qaltlu, li unur bħal dan kien jistħoqq lil binha bħala li kienet hi l-ewwel maħbuba tiegħu. Ibrahim ma kienx jistenna dan kollu, sibel għaliha, ħataf stallett u ġera għal urajha biex joqtolha, iżda ma rnexxilux għaliex ħarbitlu fis-serral.

Dan l-għawġ kollu Ibrahim ħadu bħala kastig mis-Sema, u fittex li jwettaq il-wegħda mill-aktar fis. Huwa beda jaħseb għall-vjaġġ — bl-art? dan kien ta' strapazz kbir għaliex kien jieħu x-xhur U terġa', Zafira kienet marida, id-deżert ta' l-Għarabja perikoluż, ħbit mill-Għarab, nies għedewwa ta' l-Imperu Ottoman. Insomma, bl-art kien impossibli. Il-mezz waħdieni kien il-baħar. Ibrahim beda jibża', iżda l-Ministri, imkesksin minn Hasseki, qalu lis-Sultan li f'Kostantinopli kien qed jinbena ġifen kbir jismu 'il-Gran Sultana' li żgur ħadd ma seta' għalih.

Għoġbu dal-parir lil Ibrahim, u fittex li jitlesta mill-aktar fis. U kien f'dan iż-żmien sewwa li l-Gran Mastru Lascaris sar jaf bil-biċċa tal-Galjun.

Malli l-Galjun kien lest Ibrahim għammru b'kollox. 124 kanun tal-bronż, sitt mitt ġanniżżari, Kbarat, Reġi u Ewniki u 44 dami-

ġella tas-Sultana. Imgħammar kif kien, dan il-ġifen kien ikkalkulat li seta' jeħodha ma' 30 xini. Għal Ibrahim dan ma kienx kollox. Ried aktar sigurtà. Bagħat 40 galjotti jnaddfu l-ibħra mill-kursari u joqogħdu fil-port ta' Rodi jistennew is-Sultana u jwassluha sa Lixandra. Minbarra dan, hejja wkoll 'l-armata.

Dan hu fil-qosor it-twelid ta' Osman u l-ħajja ta' Zafira qabel ma ġew mirbuħin mill-flotta Maltija.

Bosta storici jiddubitaw mit-twelid Imperjali ta' Osman, u jgħidu li hu bin ilsira, iżda b'dawn il-fatti kollha flimkien ma' oħrajn li ħalla miktub Bulgarini, ma jistax jibqa' dubju. L-istorja tgħidilna, li kemm il-Gran Mastru, kif ukoll il-Kavalieri żammew għassa kontinwa fuq Zafira u l-priġunieri kollha li kien hemm fuq il-ġifen biex jaraw x'se jkunu r-reazzjoni tagħhom lejha. In-nies l-oħra flimkien mal-Kbarat, kollha qiemu lil Zafira bħala Sultana, u meta ġie biex imut wieħed ilsir, talab li jara lit-tarbija għall-aħħar darba u sellimlu bħala s-Sultan tiegħu.

Fattur ieħor importanti hu l-kobor ta' ġifen li kien u anki r-rikkezzi li kellu fuqu, li żgur kien qed iġorr fuqu lil xi persuna Imperjali. Jekk kulħadd jemmen li l-Galjun kien l-akbar priża li qatt qabdu 'l-ġfien Maltin, ikollok tabilfors tammetti li fuqu k'en hemm Prinċep u Sultana, kif fil-fatt xehdu l-priġunieri kollha. Li kieku ma kienx hekk, dawk il-kbarat kollha li kien hemm, kienu se jagħtu qima lil sempliċi lsiera u l-binha? Hemm xhieda oħra li Ibrahim ried jifdi lil ibnu u l-Zafira, imma l-Kavalieri rrifjutaw; u meta sema' bil-mewt tagħha sibel għal Malta u l-Kristjaniżmu. B'danakollu minflok ma beda jassalta Malta, beda b'Kandja biex hekk ikun tħallas mill-Venezjani bħala sidien tagħha, talli kienu kkonfoffaw kontrih.

Fil-Mużew Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar jinsab imdendel kwadru pittura, mogħti b'wegħda, li jġib in-numru 17, li fih hemm il-battalja tal-Gran Sultana. Fil-knisja tal-Portu Salvu tal-Belt tinsab ċella, magħrufa bħala ta' "Padre Ottomano", u nsibu hawn ukoll kalċi tad-deheb, li ġie mibgħut lil Osman minn Ibrahim, malli ħa l-quddiesa. Wara mewtu, dan il-kalċi baqa' jintuża wkoll, imma billi fih kien hemm minquxa xi figuri u għeliem pagani orjentali, il-Patrijiet ħassew — anzi skruplaw — li mhux sewwa li fih jitqiegħed Sidna Ġesu' Kristu bħala Ostja, u għalhekk warrbuh, biex jintwera darba waħda biss nhar San Duminku. Minbarra dawn, fl-arkivju ta' l-istess knisja rajt żewġ bibbji bl-Għarbi, miktubin bl-idejn u dedikati lilu. Fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat kien hemm ċella oħra ta' l-istess Patri Ottomano, kollha miksija biddamask, li maż-żmien il-Patrijiet għamlu minnu l-apparati għallknisja.

Il-lum Pere Osman jew aħjar Padre Domenico di San Tomaso jinsab midfun fil-kannierja tal-knisja tal-Patrijiet Dumnikani tal-Belt, u huwa l-ġawhra ta' l-Ordni kollu. Żgur li ħadd f'ħajtu ma kien imfaħħar, miżmum b'tant għożża u mħabba daqs kemm kien f'ħajtu dan il-patri ċkejken. Kien patri umli, twajjeb, ried jinħeba mit-tlellix u l-kburija, iżda l-ħlas tiegħu kien għaliex kellu qima mill-ogħla kbarat.

TMIEM

BIBLJOGRAFIJA :—
A. FERRIS — Storia Ecclesiastica (Malta 1877)
P.P. Castagna — Storia ta' Malta (Malta 1865)
G.A. Vassallo, Prof. — Storia di Malta (Malta 1890)
G. Faure' — Fra Domenico di St. Tomaso (Malta 1893)
L. de Boisgelin — Ancient and Modern Malta (Malta 1805)
P.D. Callus, Patri — Il P. Ottomano fu vero Principe (1916)

---

# BOTT VOJT

*Ta' E. ATTARD*

Tgerbeb fl-art
Mar-riħ li saqu
U ħadu fejn ried:
Niżel in-niżla
Bi ħsejjes, ħsejjes waħdu . . . .
. . . . U qattgħu l-isbaħ siegħa
It-tfal jilagħbu bih,
Sa xebgħu u ħallewh
Ikompli t-triq mar-riħ
Bi ħsejjes, ħsejjes waħdu.
Sakemm għaddiet karrozza —
Għaffġitu,
U landa bla siwi ġabitu
U spiċċa l-istorbju.
. . . . Met'għadda dak li jnaddaf
Ġabru mal-bqija
Li sab fit-triq . . . .
Din hija wkoll l-istorja
Ta' bosta bnedmin!

Diċ., 1966.

# SANTU WISTIN STUDJAT BHALA KITTIEB

*Tal-Kav. Dr. V. M. PELLEGRINI, LL.D.*

Ħafna jaħsbu li Santu Wistin huwa biss l-awtur tal-"Qrariet" u forsi bħala l-protagonista ta' dak ir-rumanz storiku miktub minn Giovanni Papini, l-iskrittur tal-famuża Ħajja ta' Kristu. Din l-allużjoni hi magħmula bla malizzja iżda mhux mingħajr skop, għax jien naħseb li l-Papini f'Santu Wistin jogħġbu iżjed il-bniedem milli l-Qaddis; l-istess kif bosta jaraw fil-"Qrariet", aktar ir-rumanz ta' ħajjet Santu Wistin, milli trattat fuq l-umiltà, fejn il-kittieb jikxef dak kollu li hu ta' sogħba u mistħija fit-tikiriet tiegħu u fl-istess ħin jinseġ xogħol ta' tagħlim u siwi biex jagħti tama fil-ħniena bla qies li hi f'Alla u jqim lill-istess Alla b'ħeġġa u fervur kif jistħoqqlu.

Iżda Santu Wistin minbarra l-magħrufa "Qrariet" kiteb ukoll tlieta u disgħin trattat imqassma f'mitejn tnejn u tletin ktieb kif igħid hu stess fl-opra "Retrationes" li ġabar fiha dak kollu li matul ħajtu kien kiteb u wara li fela bir reqqa kollha l-istess kitba qal ukol fejn kellu xi ineżattezzi u ta tagħrif aħjar dwar l-istess xogħlijiet tiegħu. Ta' min ifakkar li kif kien qal Possidju fuq l-Isqof ta' Ippona, wara dak li Ġilormu kien kiteb fuq Oriġene, in-numru tax-xogħlijiet li kiteb Santu Wistin huwa hekk kbir li min jrid tassew jaqrahom u jixtarrhom sewwa, bilkemm kemm jasal għal dan, kieku kellu jaħli ħajtu kollha fuqhom.

Minbarra x-xogħlijiet ġa msemmija, Santu Wistin sawwar ukoll bosta xogħlijiet oħra bħalma huma dawk ta' natura filosofika, apoloġetika, dogmatika, polemika, antjarjana, morali kif ukoll bosta prietki u ittri mibgħuta lill-aqwa personalitajiet ta' żminijietu, b'kollox kif jidher minn l-"Indiculus librorum, tractatum et epistolarum Sancti Augustini", miġbur minn l-imsemmi Possidju, Isqof ta' Calama, u kittieba tal-ħajja tal-Qaddis, bejn wieħed u ieħor elf u tliet mitt biċċa xogħol, minbarra dawk li Possidju ma rnexxilux jiġbor.

U tabilħaqq f'Santu Wistin insibu miġbura kwalitajiet hekk għolja li l-istudjużi ta' kull żmien, meta tpoġġihom ħdejh jisfaw fix-xejn u l-kitba tagħhom tajba biss biex tpoġġihom fuq il-bankijiet ta' l iskola. Jiena bħala kittieb u poeta nħares lejn Santu Wistin mhux bħala l-qaddis li jistħoqqlu jkun meqjum minn kull nisrani, iżda wkoll il-kittieb li fih insib il-ġenju mimli ħajja u qawwa, li tassew igħaxxaqni.

L-istil tiegħu huwa rapsodija li ssaħħar; u f'waqtiet issibu kollu ħlewwa u ħrara, bħal meta taqra xi proża romantika, waqt li f'oħrajn issibu jimraħ f'kitba għolja, armonjuża u preċiża bħal ma niltaqgħu

magħha fl-aħjar xogħlijiet ta' Ċiċerun; f'oħrajn issibu ġwejjed, sempliċi u kollu reqqa bħal ma huma d-Djalogi ta' Platone; u f'daqqa waħda mbagħad jinbidel f'aħrax u kollu qilla kif ħafna drabi kien ikun Tertulliano.

Bħala poeta jista' jiġi mxebbah ma' l-aqwa kittieba Latini ta' żminijietu, bħal ma huma Macrobio u Claudiano u bejn it-tmiem tar-raba' seklu u l-bidu tal-ħames, huwa waħdu, jiġbor ġo fih dik l-arti għolja tal-proża Latina, b'dan li mal-maestà ta' qabel, huwa żied xi ħaġa iktar ta' qawwa u ta'ha x-xebh ta' dik ta' żminijietna.
iktar ta' qawwa u taha x-xebh ta' dik ta' żminijietna.

Is-sigriet tal-kobor tiegħu bħala kittieb u filosofu, igħid Giovanni Papini (u f'dan il-kamp tistħoqq lill-Fjorentin dik l-awtorità letterarja li jgawdi), insibuh f'dan: li huwa, filwaqt li jgħid dak li jaħseb u jħoss ġo fih dak li jistqarr. Għal Santu Wistin, Alla ma hux ħsieb li wieħed għad irid jiltaqa' miegħu, iżda verità ħajja li titpaxxa biha. Il-verità ma hix ħaġa li titgħallimha, iżda ġid li kulħadd jixtiequ; id-din nisrani ma hux ġabra ta' tagħlim, iżda ħajja li wieħed għandu fiha nfisha. Santu Wistin ġabar l-għerf teoloġiku fir-ruħ tal-bniedem, dewweb il-ħsieb safi fil-forza tal-qalb u ttajjar fis-sema ideoloġiku bi ġwienaħ tan-nar. Taħt ix-xbieha ta' sliem universali ssib dejjem f'Santu Wistin xi fdal ta' polemika personali, xi rifless ta' awtobijografija, u għal din is-sejħa tiegħu, għas-sentimenti moħbija tal-bniedem, kif ukoll għat-thewdin kollu ħrara li bih huwa jersaq lejn il-ħsieb filosofiku, wieħed jista' jgħid li Santu Wistin huwa tassew l-ewwel romantiku tal-lvant u l-ewwel bniedem modern. F'dan is-sens il-Petrarca li skond xi wħud jistħoqqlu dan it-titolu mhux ħlief dixxiplu u segwaċi tiegħu.

Bħala filosofu l-Isqof ta' Ippona għandu l-unur li ħsibijiet tiegħu nsibuhom jidwu fix-xogħlijiet ta' Anselmo, Tommaso, Leibnitz, Cartesio, Pascal, Bossuet u ta' ħafna u ħafna oħrajn. L-iżvilup ta' l-idejat tiegħu, igħidilna Umberto Moricca, speċjalment qabel jasal għal dak li ma jidhirx; minn dak li hu sod għal dak li ma tistax taqdi; minn dak li hu ta' din id-dinja għal dak li hu barra mid-dinja. Għal Santu Wistin it-tluq huwa mill-bniedem, il-wasla f'Alla. Il-filosofija ta' Platone tgħinu f'din il-mixja hekk mudlama. Għalih huwa ċert li ma jista' jkun hemm ebda tilwim bejn ir-raġuni u t-twemmin u minn Platone għaraf li l-IDEJJIET huma tabilħaqq ir-raġunijiet li ma jidhrux ta' dak kollu li jitbiddel u li jidher: veritajiet ta' dejjem. Biex Santu Wistin jasal ħalli jagħraf sewwa din l-idea, huwa jitla' tarġa tarġa fit-tagħrif meħtieġ, sakemm jasal fil-ħsieb ewlieni; u jibqa' jagħmel hekk, sakemm id-dawl t'Alla ma jiddix hekk qawwi f'għajnejh, li jnebbhu bil-verità assoluta. F'dak il-ħin il-filosofu jsir teologu.

U tabilħaqq Santu Wistin huwa l-ikbar teologu nisrani tal-Knisja tal-Lvant. Għat-tkattir tas-sistema teoloġiku Agostinjan serva ħafna t-taqbid li kellu kontra l-ereżiji kollha ta' żminijietu: fl-ewwel lok dak

kontra l-arjaniżmu biex isaħħaħ id-domma tat-Trinità, id-divinità ta' Ġesù Kristu u l-perfezzjoni tal-morali evanġelika; imbagħad kontra l-Manikejiżmu li jiċħad l-essenza divina fil-bniedem, fit-tagħlim falz li s-sewwa u l-ħażin huma qawwija xorta biex juri l-unità indiviżibbli u t-tjieba bla qies ta' Alla u b'hekk irodd lill-bniedem il-libertà ewlenija u l-kobor tiegħu morali; kontra d-donatiżmu li jiċħad is-setgħa u l-għaqda tal-Knisja, biex jiddefendi t-twemmin ta' l-universalità tal-Knisja; kontra l-pelaġjaniżmu li jiċħad il-grazzja kif ukoll il-bżonn tal-fidwa meħtieġa biex issaħħah in-natura dgħajfa tal-wild ta' Adam, suġġetti għall-ħażen, imxaqilba lejn id-dnub; u għalhekk il-ħtieġa tal-għajnuna t'Alla.

Mill-ftit li stajt niġbor f'din il-kitba qasira fuq argument hekk vast, jidher li Santu Wistin kien tabilħaqq ġenju mill-ikbar, li ttajjar fil-għoli bħall-ajkli u li l-bnedmin iħarsu lejh bħala wieħed li għen il-progress u l-feliċità tagħhom. Huwa għalhekk xieraq li l-opra tiegħu għandha tkun magħrufa minn kulħadd, wisq iktar minna l-insara, li f'Santu Wistin naraw mhux biss il-kittieb li jgħaġġeb bil-ħila letterarja tiegħu, iżda wkoll il-qaddis, li l-Knisja tagħraf bħala wieħed mill-aqwa Dutturi tagħha.

# LILL-POETI

*Ta' ALBERT M. CASSOLA*

Tafu xi rrid fid-dinja tagħna mġenna,
Intom Poeti kbar li d-dinja tlaqtu
Biex mortu tgħammru fl-ogħla sema u lħaqtu
L-hena bla tarf li tinsab biss fil-ġenna?

Irrid li jiena wkoll fir-ruħ nithenna
Bil-ġmiel tal-għana li bih ġà ferraħtu
Nies bil-miljuni, il-ġmiel li bih serraħtu
Moħħ il-qarrej li jaf jixtarr, jithenna.

Għax intom għandkom żewġ erwieħ: fid-dinja
Ħallejtu waħda taħt is-sura msaħħra
Tax-xjenza u l-għerf b'dawl is-smewwiet mogħnija! . . .

Sakemm immut, jien biss fil-Poeżija
Tagħkom, Poeti kbar, fil-versi mfaħħra,
Insib il-faraġ, kull virtù beninja.

# DAQSXEJN TA' ANNIMAL..... IMBAGHAD TGHID!

*Ta'* MANWEL F. ATTARD

Minn qaddisi nħobb l-animali... Inħobbhom tant li, ingħidha bla tlaqliq, mingħajrhom ma ngħaddix kif ġieb u laħaq. Mhux għaġeb, mela, li ġo dari għandkom issibu bħal għamla ta' 'zoo' ċkejken. Fih għandi kelba, qattus, fekruna, għasafar — amorin u parrukkett, u sa ħut ta' l-ilma ħelu. Sa ftit ilu kelli wkoll żewġ kanarini, ġmielhom ma kienx jagħmel għajb lill-ġmiel ta' għana li kienu jħennu d-dar kollha bih, imma x'ġara? Wieħed minnhom ħaseb għal rasu u ħarab lejn il-ħelsien tal-beraħ għax ippreferih minn kull ikel bnin u għożża li jsib ġo dari; l-ieħor spiċċa ħajtu ġo żaqq il-qattus tiegħi li dak in-nhar kien bil-ġuħ sew. Xi snin ilu kien ikollna wkoll bosta fniek u tjur bħal tiġieġ, papri, dundjani u fargħuni wkoll. Imma billi dawn it-tjur kollha kienu jridu ħafna xogħol ta' għalf u tindif — biex ma nsemmux l-ispejjeż li ma kinux żgħar — allura kellna kontra qalbna nneħħu u nagħlqu dis-sezzjoni taz-'zoo'. Ma' dawn kollha mhux ta' min iħalli barra l-ġeġwiġija bla għadd ta' nemel ta' kull għamla, ċentupied, ħanżir l-art, bugħarwien, gremxul u wiżgħa (dawn huma l-'kukkudrilli' tad-dar) li bla mistiedna u bla xejn milqugħa xorta jgħammru u joktru ġoż-'żoo' l-ieħor miftuħ — mhux uffiċjali — tal-bitħa u l-ġnien tad-dar. Arka sħiħa ta' Noe! Irrid ingħid li f'dan id-dominju ċkejken ta' dawn il-ħlejjaq kollha li għandi — li jimxu, jitkaxkru, jgħumu jew itiru, il-kelba tiegħi hija mingħajr xejn dubju s-sultana. Dan it-tron u l-kuruna li jmorru ma' dat-titlu hija marret tirbaħhom bis-saħħa tal-fedeltà li dejjem urietni u ta' l-intelliġenza tagħha.

'Foxl' isimha. Il-kelba għandha mas-sitt snin il-lum, u ilha malħames snin għandna. Id-daqs tagħha la huwa kbir u lanqas żgħir. Il-pil tagħha hu folt daqs ta' nagħġa, kif tixhed il-qabda suf li tħalli fl-art meta, ta' kull sajf, inġiżżha. Imsejkna, tħossha wisq is-sħana! Għax għandi ngħidilkom li dil-kelba aktar għal qaddisha x-xitwa għax hija ta' nisel Skoċċiż. Għalkemm dak is-suf jew pil kollu in-natura ħanina ħasbet sew biex tħarisha mix-xtiewi jxoqq l-għadam ta' l-artijiet tat-tramuntana. Imma... ftit li xejn x'aktarx marret tħabbel rasha din l-istess natura għall-fatt li klieb ta' din ir-razza setgħu jiġu meħuda — jew imnissla — fil-pajjiżi aktar sħan, tan-Nofs in-nhar, bħal Malta tagħna. Mhux sewwa, hux hekk? Ħeqq, kelli naqa' (kburi tant jien minn xi daqqiet fi ħwejjeġ bħal dawn!) biex nagħmilha ta' barbier ta' daqsxejn ta' annimal... Kieku ntfajt għas-sengħa għan-nies

kont indabbar xi sold għax illum qatgħa xagħar trid fuq żewġ xelini għaliha. Hekk ma ndaħħal xejn u x-xogħol nagħmlu xorta waħda. U ma niddarrasx! Għax saħansitra għal annimal tinġibed: Hekk nagħmlu l-bnedmin.

Kif inġbidt jien. Niftiehmu ġmiel partikulari dil-kelba, Foxl, ma għandhiex. Id-dar insib min ta' xi kultant igħidli. "Imma x'inti tara f'din l-imbierka kelba? Għax ma teħlisx minnha?" Jiena nħallihom igħidu... Jiena nsibha ħlejqa ħelwa. Il-bjuda ta' pilha folt u nnukk'at — meta tkun nadifa, għax bħal xejn titħammeġ u biċċa xogħol cħ a mhix żgħira taħsilha, it-tferfir ferrieħi ta' denbha pjuma, dik il-frenza kollha nokkli wkoll li bil-kemm il-kemm tħalli jidhru par għajnejn kannella kbar u intelliġenti l-ħin kollu jżebbġu 'l hawn u 'l hinn, afli ma jistgħux ma jiġbdukx anki lilkom.

Aktar minn bixlitha tiġbidkom għandhja mġibitha. Imbagħad tgħid, din Foxl, il-kelba Skoċċiża tiegħi, wkoll! kif taqraw din li sejjer nirrakkonta tkunu tistgħu taraw kemm huwa minnu dan. Oħroġ il-għaġeb, kull meta nkun sejjer għax-xogħol jew xi mkien ieħor barra donnha taf. Għaliex ma tagħtix is-salt biex toħroġ miegħi bħal meta neħodha xi mixja ġol-kampanja. Le, xejn minn dan, kuta kuta twassalni sal-bieb ta' barra tiffissa ħarsitha fuqi bħal biex turini li qed tifhem, tinduna li fejn sejjer jien hija m'għandhiex għalfejn tiġi. Tiġi x-xogħol? "Ehh!" Qisha trid tgħidli, "Ix-xogħol għalik... Aħna l-klieb ma naħdmux tafx!" Imbagħad titfa' denbha 'l isfel wa a tferfira ħafifa ħafifa, għamla ta' tislima ta' kuljum, tas-soltu, mhix nieqsa mid-diżappuntament. U tbewweġli ġewwa. Min naħa l-oħra tgħidx kemm togħla bil-ferħ u tinbaħ — id-dar iddamdamha bl-inbiħ qawwi tagħha! — kull meta nasal id-dar wara jum xogħol barra. Xorta togħla ferħana miegħı jekk nidħol id-dar wara biss siegħa jew tnejn barra. Hekk magħmula — dejjem, kuljum hekk tagħmel. Dik il-merħba sinċiera — niftakru li l-klieb ma jafux, ma jħobbux juru ħaġa b'oħra, il-bniedem biss jinqala' sew biex jagħmel dan! — ma tafx tiċħadhieli. Meta, imbagħad, nerġa' lura d-dar b'xi għamla ta' pakkett taħt abti jew f'idi, mal-merħba jmur naqra waħda interess ukoll, m'hemmx għalfejn ingħidu wisq. Tarma ddur u tħuf madwari, ixammem u xxammem, tiġri 'l quddiem ġewwa u tarġa' lura lejja b'ġirja waħda, tinbaħ tinbaħ, u ma tieqafx qabel tara jekk inkunx ġibt xi ħaġa tgħodd għaliha. Kelba hi. Kemm tifraħ jekk inkun tassew ġibtilha xi ħaġa tajba mis-suq! Daqstant ieħor trabbi l-geddum jekk wara kollox ma jkun hemm xejn.

Meta nkun id-dar naqra, nikteb jew nagħmel xi ħidma oħra tintasablek fl-art fejni u b'xebgħa għasluġ ma titħarrikx. Billi qiegħed fejn il-bieb ta' barra ma tistax tiċċaqlaq, ma' l-qanpiena ċċenċel għax tarma tinbaħ ħdejn il-bieb u nisthajjilha qisha sentinella, trid tkun taf min

ġie, għalfejn ġie, kollox! Għall-ħbieb u ta' ġewwa ma tgħid xejn, tħallihom igħaddu, merħba bihom, imma għall-istranġieri jew għal dawk li tarahom rarament ma jkollha u ma turi xejn ħlief korla klubija u — kieku naghtiha l-lala xi gidma wkoll... Ħ'ief mela biex tara min ikun ġie fejni toqgħod ħafna miż-żmien tagħha. Imma qed niftakar hemm ħinijiet oħra li jġegħluha tħallini. Jekk, ingħidu aħna, min-naħa tal-kċina taħbat ixxomm xi ħaġa tfuħ iżżejjed, bħal ħut jinxewa, xi fniek jew xi serduk għall-qatla, iva, mela, ma narahiex aktar sakemm dik it-tentazzjoni gastronomika tibqa' tħajjar lil snienha jqarmċu u lil żaqqha. Kelba hi u żaqqieqa kemm tridha. Wara li tkun x'aktarx bewqet żaqqha terġa' għal ħdejja u hemm tibqa'... sakemm... X'inqala' issa? Ara kif ħarġet sparata mill-kamra! Xi qattus barrani mar iħabbar il-preżenza tiegħu fuq xi ċint tal-bitha bil-misħuta 'Mjaw! Mjaw!' tiegħu li tmarrad il-widna mhux biss ta' kemm-il kelb hawn fid-dinja imma ta' kull bniedem minn xi daqqiet. Tobgħodhom wisq lill-qtates tal-barranin — għax ma' tagħna ħbieb ħafna u jiftiehmu daqs l-aħwa tant li saħansitra tħallih jorqod fl-istess kaxxa komda tagħha u ġieli ċċedilu xi ftit mill-ikel merfugħ għaliha, l-aktar jekk ma jkunx tant jogħġobha jew ma jkollhiex wisq aptitu... Lill-qtates l-oħra kollha ma tistax u ma tridx iġġerraħhom. Il-ħinijieet ta' fil-għaxija tax-xahar ta' Jannar — qabel naqfluha għal matul il-lejl — dik il-qatgħa xjafek ta' qtates jingħu, jiġġieldu, jiġru wara xulxin ibaqbquha wisq u jherrulha saħħitha. Tridu, taraw b'liema qilla tibda tinbaħ għalihom, tiggranfa u togħla kemm tiflaħ mal-ħitan. Għajnejha jtajru x-xrar bil-mibegħda għalihom. Ftit li xejn jagħtu kasha madankollu dawk il-misħutin mill-għoli żgur li fih ikunu għax jissoktaw bħal qabel jew aktar. Imma, x'waħda din, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt jekk xi wieħed minnhom jiftillu jinżel jew jaqa' fl-art u jkun hekk iblah jew artab li jħalliha taqbdu għax iħallas il-laħam: ikun kiteb il-kundanna tal mewt tiegħu. Hekk ġara jum fost l-oħrajn qatlet qattus ta' wieħed mill-ġirien u ġellditna. Bħalli kieku kelli xi ħtija jien! Min qal lill-qattus tal-ġara jinżel ġol-ġnien tagħna? Kielha u kien ħaqqu, jibqa' dejjem bejnietna... Il-qattus xiħ li għandi — u li diġa kont semmejtilkom — min-naħa tiegħu, ġellied mill-iprem u newwieħ xejn anqas, meta jara lill-kelba fil-qrib, irabbi naqra ta' l-arja żejda wkoll. Juri ruħu aħrax daqs pantera tal-ġungla u tarawh lest jistieden għal taqtiegħa għall-mewt — grif u gdim kollox igħodd — lil kull qattus ieħor li hawn fuq din l-art: imbasta kemm jista' jkun qrib fejn tkun il-kelba. Għax għalih hi trid tkun l-aħħar kenn.

Għadu kbir ieħor li għandha l-kelba tiegħi u li tiegħu l-qattus huwa minn kulħadd meqjus bħala l-għadu proverbjali huwa l-ġurdien Id-dar ma tinsabx toqba li hija toqba li ma tarax lil Foxl ixxommha u bħal tissamma' ġo fiha, u b'idejha, jew aħjar saqajha ta' quddiem,

ma tferkixhiex b'kemm ħila għandha. Meta ninzerta naraha tkun qisha trid tgħidli: "Għandna l-ġrieden hawn! Afli m'inix sejra żball u mhux la kemm tmerini lili. Hemm xi wieħed 'il ġewwa. Qiegħda nxommu. Inti ma tistax tarah mill-għoli li int. Imma jiena qiegħda naralu għajnejh ċkejknin jibbru. Ah, li kieku jiġi taħt idejja nagħmilhielu!" Nifhimha jien bħal ma hija tifhem it-tweġiba bla mitkellma tiegħi għax tispiċċa biex tikkonvinċini. Imma naraha titħabat hekk donnu għalxejn, f'ħarsti taqra l-konklużjoni tiegħi li ma sejra tagħmel xejn għax il-ġurdien, kif igħid il-Malti, mhux ta' subgħajh f'ħalqu, mhux sejjer joħroġ bħal nagħġa għall-midbaħ tas-sagrifiċċju. Darba iżda, mort imqarraq. Isimgħu din il-ġrajja li naħilfilkom li hija kollha kemm hi minnha. Lejla waħda fil-għaxija, jiena u tad-dar inkunu minsubin fuq il-mejda niċċenaw. Dak il-ħin il-kelba — bil-qattus tagħna ħdejha 'għinha palata — kienet tgħasses u tferkex b'kemm saħħa għandha taħt garigor qrib il-kċina mhux bogħod wisq minn fejn konna qegħdin. Is-soltu tagħna dan u aħna l-akbar ħsieb tagħna, konna mitlufin immaxtru l-ikel u nitħaddtu. Waqt minnhom inħsadna nisimgħuha tinbaħ aktar bil-qawwi minn dari waqt li ħarġet tiġri ttraxxnata għal ġol-kċina. Waqafna mill-ikel u x'naraw? Ġurdien mill-kbar griż sewdieni u ftit u xejn muswaf kien ħareġ millmoħba tiegħu — jew għax ma felaħx bil-ġuħ tul dak l-assedju epiku annimalesk, inkella biex jisfida l-kelba u jaqta' ż-żarrda darba għal dejjem — u kien wieqaf imrekken kif kien mill-kelba min-naħa u l-qattus mill-oħra. Bqajna lkoll miblugħin inħarsu ħalli naraw x'ser jiġri. Ma kienx xi ġurdien ta' aħrab u iġri, xi beżżiegħ, tant li kien waqt minnhom wieqaf fuq saqajh ta' wara b'dawk ta' quddiem lest biex jiggranfa u jqatta'. Għal ftit kemm il-kelba u kemm il-qattus baqgħu msammrin fuq il-post jaraw il-ġurdien x'sejjer jagħmel. F'temp ta' sekonda, il-ġurdien jew far (għax hekk kien) ra li nien jaqbel jissielet mal-qattus għax kien jittama li jġibu jew ta' l-anqas jiżgiċċalu. U hekk kien tassew: il-qattus, quddiem il-ħruxija ta' far ħajtu mdendla b'xagħra, beża', u rtira. Il-ġurdien kien jaħrab żgur mhux forsi li kieku l-kelba meta rat dan ma ntefgħetx għal fuqu bħal riefnu jew sajjetta — xi ħaġa hekk, nistħajjel — u bid-daqqiet ta' snienha fuq il-kozz t'għonqu ma ħallitux mejjet fl-art, magħrgħar f'demmu jbaqbaq, f'kemm ilna ngħidu. Imbagħad xammitu tnejn u ġiet bħallikieku tistrieħ fejna, b'għajnejna issa lejna u issa lejn il-vittma tagħna. F'għajnejha bħal bdejna aħna lkoll kemm konna naqraw messaġġ — ċar għal min sata' jifhemha daqs il-messaġġ ta' gratitudni li tista' taqra fuk wiċċ tifel msejken meta teħodlu r-rigal sabiħ tal-Milied li qatt ma stenna. Bħal riedet tgħidilna, "Il-lum ħlistkom minn għadu aħrax, minn biċċa xkiel kbir. Ara kemm jagħmel ħsara far bħal dak! Kemm mikrobi jista' jġorr ġo dak pilu moqżież! Ħaqqnix prosit? Niswiehx dak l-ikel

li tagħtuni? Jisgħobbikomx issa tal-kura li tieħdu tiegħi? Tarawx li l-liċenzja tiegħi ma tħallsuhiex ta' xejn". Dak in-nhar bħala premju, niftakar, ftaħnielha kaxxa laħam u tajnihielha kollha flok parti minnha bħas-soltu. U kemm kilitu bil-qalb! Hi laħam tħobb — mhix belha — l-għadam tħobbu għax ma jkollhiex ħaġa oħra kultant. Lill-grieden toqtolhom jew tikkaċċjahom biss, tikolhom le...

Dal-ħin, il-kelba qiegħda fl-art fejni tilgħaq kull żiffa li tgħaddi minn bejn il-bwieb. Ftit tista' tobsor li qiegħed indommilha ħannieqa li, ingħiduha kif inhi, tixirqilha. Għalkemm annimal, kieku qatt tonqosni f'xi ħaġa! Kelli ħbieb li xi darba jew oħra naqsuni, li forsi wkoll pattewli l-ġid bid-deni bħalma jissuċċiedi li kulħadd wisq drabi. Imma onestament nista' niżgurakom li l-kelba tiegħi — qatt ma wrietni ingratitudni taħt xi għamla jew oħra. Minn xi daqqiet hija tonqos — forsi tħammeġ xi mkien l-art, tqaxqax xi għadma u tħalliha mas-saqajn u ħwejjeġ bħal dawn. Imma, mhux biex nagħdirha, dawn huma affarijiet żgħar, għamla ta' dnubiet 'venjali' li ebda sid ħanin ma huwa sejjer jaraha bi kbira biex jaħfer wara għajta, ħarsa kerha, u xi tixjira jew tnejn ta' ponn imgħaqqad... Kellu jkun il-bniedem, mogħni bl-intellett kif inhu, li tant u tant drabi jasal biex jilgħabha tat-traditur ta' bniedem ieħor.. Ibda minn Ġuda l-akbar u l-ewwel qarrieqi li ma rahiex bi kbira jbigħ lil Dak li tant mar iħobbu u jistmah u nispiċċaw bil-Ġudiet żgħar li ġrew u jibqgħu jiġru mas-saqajn sa tmiem iż-żminijiet. Qatt smajtu li kelb wasal iqarraq, ibigħ jew jibdel lil sidu, jew gidem l-id ta' min ikun temgħu? Ingħid għalija s'issa għadni la smajt u lanqas qrajt. Fil-waqt li qrajt li kelb, bħal Fide'e (kelb Svediż) ma setax jistabar wara li sidu kien miet u la ried jiekol anqas jixrob sa kemm temm ħajtu fuq qabru, minn fejn għal xi jiem b'xejn ma ried iżul. Imbagħad naslu biex insejħu bniedem ta' qalb xierfa 'Kelb'! Dan imnejn sa fejn? Ħalluni f'isem il-klieb kollha fidili li għandna fi djarna, nistaqsi l-għaliex. 'Serp' jew 'tigra' rrid imma 'kelb' le. Mhux sewwa. Dan iżżejjed. Nifhem x'ried ifisser il-Ġeneral de Gaulle, il-President ta' Franza, meta stqarr li aktar ma sar jagħraf u jiżen sewwa x'inhuma l-bnedmin aktar sar jaħmel u jħobb il-klieb. Naħseb li tifhmu wkoll għaliex qal hekk, hux tassew? Kull ħabib li għandi, nista' forsi jasal biex għal xi raġuni jew oħra jwarabni, jiċħadli l-ħbiberija tiegħu, xi wieħed minnhom anke forsi jasal biex ukoll 'ibegħni', jittradini... Nitlob lill-ħbieb jaħfruli jekk qiegħed nonqoshom xi ftit, imma huma ħwejjeġ possibli. Il-kelba tiegħi Foxl — nista' noqgħod moħħi mistrieħ minnha — ma sejra tagħmel hekk qatt u qatt. Ma tasalx. Anqas wara li nfarfrilha xi xebgħa tmiss il-Liġi talli tkun, ingħidu aħna, ħammġet l-art hekk kif tkun għadha tinħasel u anqas jekk inħalliha bil-ġuħ għal żmien mhux ħażin. U biex ma taħsbux li din Foxl hija xi ħlejqa li Malta u d-dinja kif iddur ma tinsabx

oħra bħalha inżid ngħidilkom — għax naf li tieħdu gost tisimgħuha din — li l-klieb li intom għandkom id-dar huma bħal tiegħi u daqs tiegħi fidili. Għożżuhom lill-klieb tagħkom u ftaħru bihom għax għandkom biex. Għax bħal u daqs Foxl li għandi d-dar, nerġa' ngħid, ma jittradukomx, ma jpartukomx, ma' ħadd u qatt. Min, imbagħad, ma għandux kelb id-dar nagħtih il-parrir fejjiedi li jfittex iġib wieħed u ma jisgħobbihx. Kif 'ista' jkun? Daqskemm jista' jkun li jisgħobbija jien li għandi lill-kelba Foxl ssaltan fuq il-ħlejjaq li hemm goż-'żoo' domestiku ta' dari!!

# RELATIVITA'

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

Settembru . . . Riħ isfel magħqud.
Taħt l-arkata ta' Pjazza Reġina fil-Belt
niżlet żiffa mis-sema kaħlani sabiħ,
friska qisha riħ fuq . . .
u qalbi għoxiet;
kemm kemm ma xtaqetx
tagħmel minnha xi Tabor
l-arkata mimlija ħamiem
u bejjiegħa iroħħsu u jonxru l-ilwien . . .

'Mma fil-waqt, miblugħ,
smajt bejjiegħ qed iħarħar
minn qalbu
"Ieqaf riħ, jaħasra, kemm iddejjaqni!"
imħallta mal-għajta għall-bejgħ
u malajr għatta ċ-ċraret
biex le ma jtiru mar-riħ
b'xi toqol, għajjien . . .
U għabet it-Tabor m'n għajnejja
u ħsibt bla ma ridt
kemm kollox fid-dinja marbut
ħaġa m'oħra,
kemm mitt bniedem mitt fehma
ukoll fi ħwejjeġ li jidhru "ewreka!"
għalija, għalik!

15/9/67.

# DWAR L-ARTI

*Essay ta'* ALBERT M. CASSOLA

Il-Malti iddefinixxa l-mi toqsija bħala oħt il-għerf. Ma nafx jekk lit-tweġiba satax isibilha xi parentela ma' ħu l-mistoqsija.

Haġa sabiħa li meta ma tkunx taf xi ħaġa, issaqsiha; iżda t-tweġiba li jagħtuk tkun dejjem tajba? Għax jiena ma nafx kemm-il darba saqsejt x'inhi l-Arti u kemm-il tweġiba differenti tawni.

Agħar minn hekk hu li l-ebda tweġiba ma setgħet tissodisfani għax min tahieli stess, imqar jekk huwa nnifsu artist, ma ħassu xejn żgur minn dak li qalli. Donnu ħadd m'għandu l-ħila jistqarr li wkoll meta din l-Arti tkun fih, ma jfissirx li għandu bil-fors ikun jaf sew x'inhija. Bħalma jiġri xi drabi, biex inġib paragun ftit li xejn sabiħ, meta wieħed ikollu wġigħ kbir u ma jkunx jaf ifisser x'inhu. Imur għand it-tabib. L-istess tabib ifibha bi tqila jistqarr li lanqas hu ma jkun qabad x'inhu dak l-uġigħ, u jagħti tweġiba li huwa stess ma jkunx jaħlef għaliha.

Issa jiena wkoll, fil-kas ta' l-Arti, fittixt l-ispeċjalisti, jiġifieri l-kotba l-kbar miktubin mill-kbar. Tweġiba ħadt, u mhux biss waħda; xi tweġiba kultant sibtha toqrob lejn is-sewwa, li hu minnu minnu, iżda ma kinitx biż-żejjed, ma kinitx preċiża.

Mela t-tweġiba eżatta liem'hi? X'inhija l-Arti tabilħaqq?

Fis-sens ġenerali tagħha laqtitni definizzjoni twila: ħidma li l-bniedem b'ħiltu kollha, skond regoli li jiġu mit-tiġrib u mill esperjenza, flimkien ma' l-istudju, jagħmilha f'isem il-progress. Fi kliem ieħor, l-Arti titqies bħala r-riżultat tal-fantasija meta din tkun imrewħa mis-sentiment.

Fatt hu li mill-ibgħad żminijiet, ix-xewqat tal-bniedem ma setgħux jinqatgħu bil-ħwejjeġ materjali biss, bħalma bil-ħwejjeġ materjali biss il-bniedem ma satax jissoddisfa għajr il-ħtiġiet fisiċi. Ladarba l-bniedem ħaseb għall-bżonnijiet ewlenija tal-ġisem, minnufih ried idur fuq affarijiet oħra u beda jfittex li jsir jaf dejjem aktar, li jqabbel oġġett ma' ieħor, li jasal biex jikxef x'inhi l-verità billi jwarrab minn quddiem għajnejh kull għamad sa ma jasal biex jifhem il-misteri naturali.

Meta wasal għall-verità, għall-ġmiel, għat-tjubija, il-bniedem ħass li jrid iħobb dawk il-virtujiet u jfassal ħajtu fuqhom. Hekk ġara li l-ħtiġiet tal-bniedem kotru u huwa ħassu jogħla dejjem aktar 'il fuq.

Waqt li l-bniedem ma jkunx jista' jfisser ir-raġuni ta' kollox, isib ruħu magħfus bejn passjonijiet kuntrarji u, bejn it-tjubija u l-ħażen,

jitmaħħaħ iżjed minn qabel, isinn il-ħsibijiet u jixgħel il-fantasija, sakemm jinnexxilu joħloq ħwejjeġ ġodda u sen azzjonijiet ta' pjaċir u ta' dwejjaq li ma jispiċċaw qatt.

Fit-tifsir estetiku tagħha, tabilħaqq, l-Arti nsib li hija l-frott tal-fantasija, mixgħula bis-sentiment, jew aħjar, ir-riżultat tal-fantasija li biha l artisti joħolqu l-opri ta' l-Arti.

Hekk, mela, tweġiba oħra, forsi indiretta, għall-mistoqsija 'x'inhi l-Arti?' Ma norbot biha 'l ħadd. Jekk jiena ma lqajtx għalkollox id-definizzjonijiet tal-għorrief, ma nistax nistenna li ħaddieħor għandu jilqa' dik tiegħi.

Ħaġa waħda żgura: dik li ma' tul iż-żminijiet it-tendenza qawwija tal-bnedmin kienet dejjem l-imitazzjoni. Fil-bidu l-bniedem beda jimita mill-aħjar li jista', xi drabi kif ġie ġie, bħalma jagħmlu t-tfal ċkejknin. Imbagħad beda jersaq iktar lejn is-sewwa magħruf. Illum il-ġurnata, skond ma jaħsbu xi filosfi moderni, l-Arti għandha titqies bħala intuwizzjoni, jew bħala emozzjoni. Riżultat tal-ħsieb għal xi wħud, tal-qalb għal oħrajn.

Bil-maqlub, il-filosfi tal-qedem kienu jaraw fl-Arti xejn iżjed ħlief l-imitazzjoni tan-natura. Platonei u Aristotli, Seneka u Kwintiljanu ma kinux jagħmlu distinzjoni bejn in-natura idealizzata mill-moħħ ta' l-artisti u dik li hi n-natura kif tabilħaqq hi.

Toħroġ waħedha mistoqsija oħra: fuq liema regoli timxi l-Arti?

Dik tallum donnha ma trid taf bl-ebda rbit ta' xejn u għalhekk il-pittura, il-letteratura, il-mużika, biex insemmi xiħaġa, naraha (mhux jien waħdi) qiegħda tiddennes bil-kruha. L-Arti tas-sekli li għaddew keliha r-regoli tagħha ċari u tondi u kont tista' ssejħilha tabilħaqq b'isimha, miktuba b'ittra kbira kif jixirqilha, u kif ħasrejt għalhekk li għandi niktibha jien hawnhekk kull darba li nsemmiha. Għalkemm wieħed iqabbel 'il Giotto, 'l Jan Ver Meer, 'il Daubigny, ma' Picasso, De Chirico, Matisse; 'il Dante, Milton, Goëthe, ma' Saba, Montale, Ungaretti; 'il Verdi, Bizet u Ravel, ma' Presley, Sinatra u Modugno. Għalkemm wieħed jipparaguna l-kapolavuri arkitettoniċi ta' l-antik ma' l-arkitettura tallum.

Qabelxejn f'kull opra ta' l-Arti, dari kont tfittex il-ħsieb, l-idea, il-konċett, imbagħad wara l-effett, l-armonija, l-eskuzzjoni. Il-konċett kien jeħtieġlu jkun ċar biż-żejjed biex jinftiehem bla taħbil żejjed tal-moħħ, mill-qarrej, jekk ikun xogħol ta' kitba, minn min iħares, jekk xogħol ta' pittura jekk skultura, minn min jara, fir-rappreżentazzjonijiet, mis-semmiegħ fil-kas tal-mużika u l-kant. B'hekk l-artisti ta' dari kienu bix-xogħlijiet tagħhom iħallu impressjoni sħiħa u qawwija. Illum f'ħafna xogħlijiet wieħed isib kollox barra l-Arti. Għax l-Arti

saret paradoss. Ma nsemmux il-Bijennali ta' Venezja, imċaħħda sa mill-barka tal-knisja, ma nsemmux ċerti premijiet letterarji, ukoll hawn Malta, mogħtija bla kriterji serji, ma nsemmux il-popolarità ta' kanzunetti mwerżqin minn urieżaq stunati jew minn oħrajn maħnuqin li biss il-metall tal-mikrofnu jwasslilhom il-ħsejjes ta' fommhom f'widnejn dawk li jieħdu pjaċir bihom għax l-Arti ma jafux fejn toqgħod.

L-Arti kienet Arti għax kienet tingħoġob, u kienet tingħoġob għax kienet tersaq kemm jista' jkun lejn is-Sewwa u timxi tista' tgħid dejjem mal-Verità.. L-Arti ġenwina tnisslet mill-verità. Tnisslet mill-kontemplazzjoni tas-sbuħija tan-natura, għaliex kienet espressjoni tal-verità. L-Arti ma timxix b'għajnejha magħluqin iżda tterraq id f'id mal-progress u tipperfezzjona ruħha billi tgħolli dejjem aktar 'il fuq lejn is-sbuħija l-intelliġenza tal-bniedem. L-Arti mhix imitazzjoni għamja iżda forza li toħloq. L-artisti li jfittxu li jimxu fuq ir-realtà tad-dinja li qegħdin igħixu fiha, bil-ġenju tagħhom jagħrfu joħolqu dawk is-sentimenti u emozzjonijiet li joħorġu minn ruħhom, indipendentement minn dak li jaraw fin-natura u fil-ħajja.

Kieku, la semmejt il-pittura, din ma kinitx ħaġ'oħra ħlief imitazzjoni, kopja ta' l-oġġetti, allura l-pittura ma kinitx tkun Arti iżda ħaġa mekkanika. Il-pittur li jaf iħallat il-kuluri, iżewwaq id-dawl u d-dellijiet biex joħroġ b'hekk l-effetti li jidhirlu hu, imqar jekk jagħraf jagħti stampa sabiħa, b'danakollu jkun għadu ma ħariġx il-vera opra ta' l-Arti imma jkun wera biss li għandu l-ħila jivvinta effetti tekniċi iżda mhux artistiċi. L-inventur m'huwiex artist.

Hekk dak li fil-mużika, bla ma jkun qatt studjaha, jagħraf idomm ton ma' ieħor, ma jistax joħroġ bil-kapolavur, għax għal dak il-qabbiel jasal il-waqt meta ma jsibx iżjed kumbinazzjonijiet xi jlaqqa' bis-seba' noti.

L-Arti kontemporanja f'Malta, għax fuq dan irrid naqa' wara kollox, ma nistax niġġudikaha jien. M'għandi l-ebda awtorità biex niġġudika u ħadd mhu sa jaċċetta l-konklużjonijiet li nasal fihom jien bħala vanġelu. Iżda la darba għandi l-jedd għall-opinjoni personali, il-fehma tiegħi nfissirha, tiswa, bla mibegħda ta' xejn, u b'qalbi f'idejja. Ma nistenniex ċapċip, nistenna forsi li nagħmel il-għedewwa jew inżid ma' li jista' ġa għandi. Jikbirli l-unur, il-ħaġa waħdanija li ħadd ma jista' jtabbagħli.

Kittieb indipendenti (ukoll meta pajjiżi kien għad m'għandux ix-xorti tiegħi), jiena ma ninħebiex wara subgħajja, ma naħraqx l-inċensi fuq l-altari tas-serviliżmu. Ħadd mhu sidi li nikkritika mill-aħjar li naf, imqar jekk il-kritika tiegħu tgħaddi bħala ħaġa li ma tiswa xejn, jew li tiġbed il-qilla ta' kittieba oħrajn, ta' artisti jew psewdo-artisti li jaħsbu li laħqu l-quċċata fil-kamp ta' l-Arti.

Qabelxejn nistqarr li wkoll fiż-żminijiet tallum l-artisti li jistħoqqilhom dana l-isem, ġo Malta u Għawdex, m'humiex neqsin. Hekk inħoss, hekk jidhirli u hekk infisser ruħi mill-ewwel, bla tlaqliq ta' xejn. Iżda jiena mhux fuq dawn irrid nitkellem. Dawn, anzi, isofru minħabba dawk l-oħrajn li m'humiex ħlief imitaturi, plaġjaturi, skopritturi u inventuri kif fissirt ftit qabel. Bil-kundanna tiegħi rrid nolqot 'il dawk li ma' l-ewwel ittra li jippubblikawlhom fil-ġurnal jimlew rashom u jsaħħnu moħħhom; li malli, bi flushom (imsieken) joħorġu librett bi ftit versi jew tużżana ħrejjef, jistħajluhom saru awturi mill-aqwa u kemm kemm ma jitħajrux iwasslu l-kandidatura tagħhom fl-Isvezja għall-Premju Nobel. Tarġa' dawk il-versi, li l-awtur tagħhom isejħilhom "poeżija" bla ma jkun jaf il-poeżija fejn toqgħod, jew ikunu kopja skorretta ta' versi barranin, il-biċċa l-kbira Ingliżi jew Taljani, jew versi maħluqin, iva, minn żniedu, iżda li mhux dejjem ikunu jiswew tebqet fwiedu. (Ir-rima hawnhekk tixraq).

Il-poeżija jrid ikollha l-element tax-xbihat komplessi u s-sentiment li jagħtihom il-ħajja. Issa veru li *libris ex libris*, li l-ideat ifaqqsu, li ħaġa li qalha ħaddieħor qabel, inti tista' tgħidha wkoll; imma trid tgħidha aħjar minnu, mhux agħar. Biex tfissirha sewwa jew bħalu jew agħar minnu, tista' ma tgħidha xejn. Ħadd ma jkun qiegħed jistenna lilek.

X'jiġri? Jiġri li tista' tidħak b'wieħed tnejn għal ċertu żmien; tista', f'każi estremi, tballagħha mqar lil ġenerazzjoni sħiħa. Imma darba jew oħra tinqabad u jiġrilek bħal tal-lupu, li wkoll dak li jkun veru tiegħek, imqar jekk ta' valur ċkejken, jaħbuk li tkun sraqtu. Tarġa' lil-letteratura ma tkun tajtha l-ebda kontribut, la darba ma tkunx għaraft tkun int innifsek. Kemm nafu b'każi meta wieħed, bla ma jgħarraf xejn, ifittex li jgħaddi poeżija, novella, dramm bħala tiegħu meta fil-fatt dawn ikunu ikkupjati kelma b'kelma. X'jiena ngħid kelma b'kelma? Xi kelma nieqsa ssibha, għaliex mhux dejjem il-plaġjatur isib l-ekwivalenti Maltija. Niftiehmu tajjeb: m'iniex ngħid li wieħed iħaddem l-istess tema, li joħroġ dramm minn novella, le. Daka kollox sew. Għamlu Shakespeare qabel. Għamluh il-Petrarca, Pirandello, D'Annunzio, li mxew fuq il-mudelli tal-klassiċi Latini u ta' oħrajn. Id-dnub gravi hu meta tuża kollox, sal-kliem waħda wara l-oħra, kif kienu fil-forma oriġinali. Hemm jaħti l-plaġjarista. Jiena nagħlaq għajnejja għad-dnubiet venjali, imma għad-dnub il-mejjet ma narax li hemm assoluzzjoni fl-Arti. Naħfer biss 'il min jieħu idea, spunt, frażi tnejn, xena, episodju, naturalment bit-tibdiliet meħtieġa, imma daqshekk.

(*Jissokta*)

# FANTASIJA U REALTA'

*Ta' SPIRO BUHAGIAR*

Niżlet bil-lajma l-lajma
Ix-xemx wara l-għoljiet
W il-ħajja kollha mheddla
Tkeffnet fid-dlamijiet.

U l-għana ġo l-għelieqi
Ma' l-għana ta' l-għasfur
Bil-mod il-mod mal-Ave
Inqata' minn ġol-bur.

L-għasafar mejta għajjiena,
Il-friefet imħeddlin,
Insatru ġewwa d-dalma
Jisimgħu mistagħġbin

Il-valzer li l-iwrieżaq
Moħbija ġot-tuffieħ;
Ta' Straus il-mużiċista
Li bdew hekk minnufih.

* * *

Il-bidwi għajjien mejjet
Fittex il-kenn tad-dar;
Ferħan ma' martu ftaħar
Kemm ħabrek dak in-nhar,

U wara li b'uliedu
Hieni deha xi ftit
Ma' martu ftakar f'Alla
Ħalli jibgħat il-ġid.

Hekk kif lil Alla talab
Il-fatra sab u kiel;
Wara li bell gerżumtu
Quddiemu ntefa' w miel,

Imbagħad, hieni, kif heles
Imħeddel mar jistrieħ;
Irtira kmieni w raqad
Biex l-għada jqum mas-sbieħ.

* * *

Il-belti wara xogħlu
Dritt fittex ix-xalar
Indafar, tbahrad, siker,
U għoxa fiċ-ċaċrar

Kontra kull min fi lsienu
Ġieh dak il-ħin irmih;
Lil Alla flok ma faħħru
Tbaqbaq għax qal li nsieħ,

U wara li sas-siegħa
Tilef kull sitt ħabbiet
Lejn daru b'butu mqaxqax
Reġa' w għosfor is-skiet,

Kif daħal ġewwa daru
'Il-mara lemaħ b'xkiel
Lil ibnu mwerwer lemħu
F'għajnejh l-akbar ħalliel,

Fl-aħħar intefa' jorqod
Dal-ħali ta' missier;
Ma x'jorqod jorqod? Qalbu
Qaltlu ma kienx sinċier.

# TWELID TA' POEŻIJA

*Ta' MANWEL NICHOLAS BORG*

Dalgħodu smajt il-leħen ħelu Tiegħu
Iġegħ'lni nikteb dak li f'qalbi nħoss,
U bdejt inħoss il-weġgħa ta' ħsieb safi
Iddur ma' demmi w tqabbad 'l idi tħożż.

Min bħall-Poeta? Jiġi msejjaħ mn'Alla
Biex jieqaf f'daqqa w-jerħi mn'idu x-xogħ'l!
Min bħall-Poeta? Jimraħ fejn ħadd rifes
Bil-muftieħ f'idu biex jorbot u jħoll!

F'dal-ħin sabiħ li jħoss il-messa t'Alla,
Dan jibda jixrob l-ilma tal-vrus sbieħ,
U bħal għasfur iħoll ilsienu ħelu
Biex b'għanja sbejħa lill-ħolqien jimlieħ.

Bħalissa ma jkunx jaf jekk l-għanja tiegħu
Għadx darba tidwi f'qalb ta' xi qarrej,
'Mma fit-tjubija tiegħu jibqa' jgħanni;
Bħalissa l-ġmiel jinsab ġo fih werrej.

Min bħall-Poeta? Jersaq ħdejn Min fdiena
U jibda jsemma' leħnu kullimkien!
Min bħalu? Jimxi id f'id mal-Mara waħda
Li taħt Riġlejha kulma jgħix jiċkien!

Min bħall-Poeta? Jogħla w jinżel f'daqqa!
Jixjieħ bil-ħsibijiet u jsir żagħżugħ!
Jara b'għajnejh fejn ħadd ma jista' jilmaħ;
Iħares lejn l-inwar għad xejn miżrugħ!

Sew sew dal-ħin jien għadni kemm ġejt lura
Mill-ogħla sema fejn għad ma ra ħadd,
Hemmhekk rajt lok li Hejja mn'ewl-id-dinja
Biex min Iħobbu jmur ġo fih kulħadd.

Din mhix xi għanja li jien ktibt min jeddi,
Jien ġejt imqabbad nikteb minn Ġesù,
Biex kull min jaqra jħoss il-ġmiel irexsqu
Lejn l-ogħla ħajja fejn isaltan Hu.

# REĊENSJONIJIET

**"IL-MUŻA BIL-KIMONO"** ta' Anton Buttigieg. Union Press. Malta — 1968. Paġ. 103.

B'dan 'l-ktieb li għadu kemm ħareġ Dr. Anton Buttigieg daħal f'qasam ġdid l' ebda poeta Malti ma għadu qatt resaq lejh: lill-poeżija Maltija taħa l-libsa tal-poeżija nipponika, il-poeżija Ġappuniża. Meta wieħed 'ħares lejn din ix-xorta ta' poeżija, tliet versi b'kollox bla rima xejn, jaħseb li hi xi ħaġa faċli, għalkemm taqbad u tagħmilha. Aħna mdorrijin b'poeżiji fit-tul, ikkomplikati fil-versi, fil-metru, fir-ritmu, ħafna drabi miktubin bi sforzi kbar ta' ħsieb u ta' studju, u għalhekk kull min jiġih f'idejh dan il-ktieb ta' Anton Buttigieg żgur igħaddu minn moħħu s-sempliċità, il-faċilità, u l-qosor tal-versi. Iżda dawn il-versi mhumiex xejn sempliċi kif wieħed jaħseb li huma. Għax dawn il-versi għandhom it-teknika tagħhom, u jekk ma tkunx imxejt għal kollox fuq dik it-teknika ma tkunx għamilt ħlief ftit taqbiliet sempliċi, bla ebda valur letterarju, u ma tkun b'ebda mod segwejt is-sura u s-sengħa artistika tal-poeżija nipponika.

Qabel xejn, biex wieħed ikun jista' japprezza aktar dawn il-versi ta' Anton Buttigieg, tajjeb li jkollna ħjiel ta' dak li hu l-qofol fil-poeżija Ġappuniża. Il-poeżija dejjem kellha post għoli fil-ħajja spiritwali tal-Ġappuniżi. Il-poeta dejjem ħass fih is-seħer profond tal-ġmiel tan-natura u hekk seta' jgħix f'ħajja ta' armonija perfetta mar-ritmu ta' l-univers. U mis-sentiment hekk ħaj tan-natura hu silet dik is-sensibiltà istintiva, dik il-ħeġġa u ħrara għall-poeżija u għall-arti.

Fil-ħajja soċjali u politika, fil-ħsieb reliġjuż, fl-arti, fix-xjenza, fil-kitba, sa fl-istess lingwa, l-influss Ċiniż minn dejjem kien kbir matul is-sekli. Imma ħaġa tassew straordinarja hi li l-poeżija, u l-poeżija biss, li baqgħet tirreżisti għal kull indħil tal-barranin, waqt li baqgħet iżżomm bla mittiefsa sal-ġurnata tal-lum il-vera forma oriġinali tagħha. Il-poeżija Ġappuniża ċaħdet dejjem l-użu ta' kliem Ċiniż u l-użu tar-rima. Dan ma jfissirx, ma għandniex xi ngħidu, li l-istudju tal-poeżija Ċiniża ma kellux b'xi mod xi riflessi fuq il-poeżija Ġappuniża, imma li rrid ngħid hu li l-poeżija Ġappuniża baqgħet iżżomm bla tibdil il-linji essenzjali tal-fiżonomija proprja tagħha. Fuq kollox il-poeżija Ċiniża kellha l-effett li twassa' u tkabbar l-orizzont viżiv tal-poeta Ġappuniż. L-istudju tal-poeżija Ċiniża ta lill-poeta Ġappuniż motivi usa' u akbar ta' ispirazzjoni.

Il-poeżija Ġappuniża hi l-espressjoni ta' ispirazzjoni improvviża, ta' emozzjoni istantanea; sthajjel qisek tieħu dehxa jew tregħida bard. Għalina l-poeżija Ġappuniża qisha abbozz, xi ħaġa skeletrika, mhix mitmuma. Tisthajjilha impressjoni mwaddba bil-għaġla. Imma l-arti tal-poeta Ġappuniż tikkonsisti filli jġagħlek tifhem ħafna billi jkun qallek ftit. Hawn qiegħda l-ħila tal-poeta għax bi kliem mill-inqas hu joħloq fir-ruħ tal-qarrej sfond rikk bi xbihat ferm sbieħ. Tant hu veru illi ħafna drabi ntqal, u bil-ħaqq kollu, illi waqt li l-poeta oċċidentali jiddeskrivi, il-poeta Ġappuniż jissuġġerxxi. Il-poeżija Ġappuniża tiġbor fiha viżjoni, u mhux sempliċi deskrizzjoni, viżjoni qisha leħħa ta' berqa li ddawwal bil-ġmiel f'daqqa waħda r-ruħ tal-qarrej.

It-teknika, jiġifieri l-karattri esterni jew formali tal-poeżija Ġappuniża, m'għandha x'taqsam xejn mat-teknika tal-poeżija Ewropea. Bla rima, u nieqsa għal kollox mill-kotra ta' versi u ta' kliem, m'għandhiex x'taqsam fis-sengħa artistika ma' tagħna. Dak li jagħżilha mill-proża hu li l-versi

jitqassmu fis-sillabi ta' 5 u ta' 7, qisien ta' versi li l-poeti Ġappuniżi ta' kull epoka baqgħu jżommu sal-lum. Tista' tgħid l-iskema ta' versi 5 — 7 5 — 7 — 7, imsejjħa *tanka* (jew *waka* = poeżija qasira), baqgħet taħkem matul is-sekli fil-letteratura metrika Ġappuniża. Ħwejjeġ ma jitwemmnux kif f'poeżija hekk qasira li b'kollox fiha 31 sillaba l-poeta Ġappuniż jesprimi ideat profondi u melodija ta' versi. U għall-moħħ konċiż tal-poeta Ġappuniż donnhom 5 versi ta' 31 sillaba kienu twal iżżejjed ukoll, għax il-kapaċità tiegħu wasslitu biex ħoloq skema iċken ta' versi, hekk imsejjħa *ħajku*: dan igħodd 17-il sillaba b'kollox (skema: 5 — 7 — 5).

F'din ix-xorta ta' poeżija hu meħtieġ l-ewwelnett li l-poeta kull darba jissuġġerixxi wieħed mill-istaġuni, u t-tieni, li jagħti purament deskrizzjoni oġġettiva u jħalli s-sentiment soġġettiv għall-qarrej biex jirrealizzah jew iħossu hu. Imma fis-seklu tmintax inħolqot forma oħra ta' poeżija, l-istess bħall-*ħajku* fiha 17-il sillaba. Jisimha *senrju*, isem li ħadet mill-poeta stess li ivvintaha: Karai Senryu. Id-differenza bejn il-*ħajku* u *s-senrju* mhix fil-forma imma fil-kontenut, għax l-istaġuni għaliha mhumiex il-fattur importanti, u s-suġġetti l-iktar li tittratta huma fuq l-umanità u l-filosofija tal-ħajja mill-*punto di vista* intimu u kritiku. B'xi mod tixbah lill-epigramma u ħafna drabi tiġbor fiha satira umoristika tas-soċjetà.

Hu mill-iżjed importanti li sew fil-*ħajku, tanka* jew *senrju* jinkitbu biss il-punti li huma assolutament meħtieġa. Il-poeta jippreżenta x-xena b'ekonomija kbira ta' kliem; il-qarrej irid iħaddem l-immaġinazzjoni tiegħu u joħloq hu fi ħsiebu dak li l-poeta ħalla bla miktub.

Minbarra dawn il-karatteristiċi formali, hemm ukoll tirqim u tiżjin rettoriku li jiddistingwi l-poeżija Ġappuniża mill-poeżija Ewropea, u għal-hekk ukoll mill-poeżja tagħna. Dawn huma l-*makura-kotoba*, il-*kenjogen*, u l-*jo*. Imma f'dan l-istudju mhux il-ħsieb tiegħi li noqgħod nidħol fid-dettalji tal-poeżija Ġappuniża. Dan li spjegajt kelli bil-fors nispjegah biex inqiegħdu bħala sfond għall-istudju tal-ktieb ta' Dr. Anton Buttigieg "Il-Muża bil-Kimono".

F'dan il-ktieb — li fih il-poeta jagħtina wkoll traduzzjoni ferm fidila bl-Ingliż ta' Gilbert Yates u xi eżemplari, bl-Ingliż ukoll, minn antoloġiji Ġappuniżi — Anton Buttigieg waqt li nqeda bl-istil Ġappuniż ma nqatax b'daqshekk mid-drawwiet, it-tradizzjonijiet u l-kulurit lokali. Għalhekk insibuh jitkellem fuq il-kampanja Maltija bil-ward u l-frott li tagħtina, fuq il-qniepen ta' Malta, in-niċċa tal-Madonna, il-baħar Malti, il-Blue Grotto, il-kampnar u elf ħaġa oħra li l-poeta ra u osserva bl-għajn kritika tiegħu, għajn xi drabi wkoll sarkastika. B'hekk nistgħu ngħidu li din il-poeżija ta' Anton Buttigieg waqt li liebsa libsa barranija, hi poeżija ġenwina għax ħierġa naturali mill-moħħ u l-qalb tal-poeta.

Ma setax jonqos illi f'dik li hi teknika Anton Buttigieg sab quddiemu diffikultajiet kbar, għaliex l-ilsien Ġappuniż hu għal kollox differenti minn tagħna: hu fih innifsu konċiż ħafna, u f'medda qasira ħafna ta' kliem il-poeti Ġappuniżi jistgħu jesprimu diversi ħsibijiet, kelma jdaħħluha f'oħra b'mod illi tagħti sens doppju. Għalhekk il-poeta Ġappuniż f'poeżija hekk qasira ta' 17-il sillaba seta' jdaħħal ideat u sentimenti kbar u profondi li l-poeti Ewropej ikollhom jesprimuhom f'medda ta' versi wisq itwal minn hekk. B'dankollu jien inħoss li Anton Buttigieg waqt li żamm għal kollox ferm tajjeb it-teknika tal-*ħajku* (5 — 7 — 5) u tat-*tanka* (5— 7 — 5 —7 — 7), tana ideat li għandhom jogħġbu u jimpressjonaw lill-qarrej Malti. Hu ittratta l-ħajja, il-poeżija, l-għasafar, il-ħolqien, Alla u l-univers. F'kull poeżija, li taqraha f'nifs, hemm ħsieb li jolqtok, hemm xi ħaġa fina, rqiqa, waqtiet umoristika jew ironika, waqtiet niggieża jew melliesa u ħelwa, li ġġagħlek tieqaf u taħseb.

Hekk igħidilna l-poeta fl-ewwel poeżija jew aħjar fl-ewwel *ħajku*:

Ħajti fil-għabex . . . .
qalbi bħall-bilbla tgħanni
qabel ma torqod.

Ħsieb bħal dan, hekk effettiv, hekk konċiż, ħaddieħor biex jesprimih kien ikollu jikteb poeżija wisq itwal. L-istess it-tieni u t-tielet *ħajku,* kemm fihom x'tomgħod, kemm fihom x'taħseb! Iżda dan nistgħu nibqgħu sejrin hekk għal tista' tgħid kollha kemm huma, għax il-poeta nistħajjlu bħal farfett imlewwen li qed jittajjar fi ġnien kollu ward, u m'għandux kwiet, għax issa jmur fuq fjura, imbagħad f'nifs wieħed tarah fuq oħra donnu ferħan qed jitgħaxxaq bi ġmielha.

Bis-sinċerità kollha ngħid li nixtieq nanalizza kull poeżija li fih dal-ktieb, kull kelma li hemm, kull sillaba, għax f'kull sillaba, f'kull kelma hemm dejjem ġmiel ġdid, imma dan f'daqsxejn ta' reċensjoni ma jistax isir. Araw x'effett li jħallik tieqaf taħseb u tixtarr, fihom dawn il-versi:

Ix-xita! ix-xita!
umbrella miexja ttektek
fit-triq weħidha.

U hekk l-istess ħaġa fil-versi ta' wara:

Xita qawwija;
ħlief ħmar bil-karettun
m'hemm ħadd fit-triq.

Umoriżmu u sarkażmu, passjoni u mħabba, illużjoni u diżillużjoni, kollha tiltaqa' magħhom f'dawn il-poeżiji qsar li b'kollox ilaħħqu fuq it-tliet mija. U kemm qalilna sewwa l-poeta nnifsu meta ġie biex jagħtina poetikament it-tifsira ta' *ħajku*:

Qisu ċirasa,
il-ħajku tibilgħux,
iżda oqgħod soffu.

Iżjed minn hekk jien m'għandix xi ngħid. Aqrahom sewwa l-*ħajku* u t-*tanka,* soffhom kif qalilna l-poeta u żgur li jħallulek togħma tajba, u jagħtuk sodisfazzjon kbir għax tifhimhom u tħossħom. Kull waħda li taqra tħallik bi tbissima ħafifa fuq ħaddejk taħseb u tixtarr.

Ġużè Chetcuti.

## "ĦASAD LI ŻARA'" ta' Michael Agius stampat 1969 Paġ. 70.

Dan hu rumanz dwar qtil u dwar mixli bla ħtija li fl-aħħar jisfa ħieles. Rumanzi bħal dawn dari kienu jogħġbu lil ħafna qarrejja għax iqajmu ħrara biex wieħed ikun jaf kif se jkun it-tmiem.

Il-ġrajja tiftaħ b'ġuri ta' qtil li fih tratti li għandhom ħafna missewwa: l-imġiba ta' dawk li jieħdu sehem hi mfissra tajjeb; imma l-aqwa biċċa tar-rumanz hi dik li tiddeskrivi t-taqlib fil-moħħ, it-taqtigħ ta' qalb, in-niket u d-dwejjaq tal-mixli u qrabatu, fuq kollox l-għadab ta' ħruxija li ħass għal għarrieda missier il-mixli. Iġġib ħniena x-xorti ħażina tat-tfajla ħatja tal-qtil u s-sogħba tagħha, u fuq kollox l-irġulija u l-mogħdrija tal-qassis twajjeb u ħanin.

Xtaqna li dan ir-rumanz kien stampat f'għamla aħjar għax kif inhu ma fih sura ta' xejn: karta mill-agħar, żbalji tipografiċi bi rfus, enumerazzjoni ħażina. Kollox juri nuqqas ta' ħsieb fl-istampatur. L-awtur ma għandux ħtija ta' dawn l-iżbalji li jagħmlu għajb lill-ktieb imma li jistgħu jissewwew f'edizzjoni oħra.

**"KALEJDOSKOPJU"** — Poeżiji ta' Pawlu Cachia, Charles Flores u Charles Xuereb — Vexillina Press, Rabat 1969. Prezz 3/-.

Dan il-ktieb b'qoxra artistika u karta rqiqa semi-illustrata jiġbor fih 82 poeżija, biċċiet twal u oħrajn qosra: 27 ta' Cachia, 28 ta' Flores u 27 ta' Xuereb.

L-ewwel ħaġa li tolqtok f'dan il-ktieb hi x-xejra moderna tat-tliet poeti għal dawk li huma motivi, metrika u trattament tas-soġġetti. Ngħidu aħna l-motivi tal-poeti tradizzjonali maltin qajla jidhru fix-ogħlijiet ta' Cachia, Flores u Xuereb. Ftit huma l-poeżiji patrijottiċi, reliġjużi, familjari u lokali, għalkemm dawk il-poeti jgħannuhom kultant dawn il-motivi.

Cachia, bħala membru tal-M.U.S.E.U.M., jitqanqal aktar mill-oħrajn mir-reliġjon u fil-poeżija *"Misericordia"* bħal donnu jitnikket li Alla telqu u għalhekk jitlob l-għajnuna Divina:

"Għinni, Missier,
Int wens il-ħniena . . .
Missier serraħni . . .

u fil-poeżija l-oħra *"Lill-Madonna tat-Triq"* jitlob l-istess ħaġa mhux għalih iżda għal għajru mnikket.

Cachia, u ftit anqas minnu Xuereb, għandhom ġibda għal nieshom u ta' l-ewwel ifakkar it-twelid ta' neputih Marco, u lil bin oħtu Charles. Waqt li hawn Cachia mhux konvinċenti, hu ħafna aktar imliehem f'waħda mill-aħjar poeżija li għandu *"Fejn Sejjer Hekk Kmieni?"* Tidher xi ftit okkażjonali *"Ħadd bħalek fid-Dinja"* iżda fiha xi versi tajbin.

Sabiħa fis-sempliċità tagħha l-poeżija ta' Xuereb *"Il-Wirt"* u bħal Cachia jurì l-qima tiegħu għal missieru f'sitt taqsimiet mill-ħajja tal-poeta:

X'ħin
b'għajni magħluqa
nara
ma stajtx
l-għemil tiegħi:
bi kliemek
wissejtni
sa smajt.

Xuereb biss f'dan il-ktieb idaħħal il-motiv patrijottiku u jgħanni mħabbtu għal *"Bajda u Ħamra Biss"* bħala eku ta' dak li kiteb Dun Karm fi *Lill-Bandiera Maltija.*

Imma t-tliet poeti, u forsi l-aktar Flores, jintlaqtu, kif għandu jkun, mill-ħajja moderna bl-inġustizzji tagħha u hawnhekk ilkoll joħduha kontra kull qerq u ħażen. F'din it-taqsima Flores hu aktar artistiku u modern, għalkemm kultant xi ftit diffiċli. Fejn sa qabel il-gwerra l-għadd kbir taż-żgħażagħ kienu jaraw ir-risq tal-ħajja, illum il-poeti tagħna mhux ħlief jpinġu l-morr, l-illużjoni u d-disperazzjoni. Araw b'liema qawwa Flores ipinġi lilu nnifsu f'*Quddiem il-Mera.*

"Dmugħi jiċċarċar fuq il-ġilda mqaxxra,
Riflessjoni werċa ta' ħajti fondoq
mitejn sena qabel Kristu"

U hawnhekk tiġi waħedha l-mistoqsija. Il-poeżija moderna hekk pessimista hi tabilħaqq għasir ta' qalb li ġarrbet jew finzjoni letterarja li titgħaxxaq bil-kliem iebes u ta' ċaħda f'dinja ta' kumditā, lussu u superfiċjalità?!? Il-poeti tagħna qegħdin tabilħaqq jirriflettu l-qalb ta' żgħażagħ maltin, jew jerdgħu mill-Ewropa pagana idejat u forom għal kollox barranin għall-ħajja tagħna. Dan ma jfissirx li l-Maltin ma jiħdux interess fit-taqlib

li minnu għaddejja d-dinja fil-qasam letterarju, politiku u soċjali . . . imma jekk irridu li l-poeżija tagħna tibqa' maltija ma n'stgħux nimitaw lill-barranin li għandhom filosofija u ħajja li ma taqbel xejn ma tagħna. Dan fil-fehma tiegħi hu wieħed mill-perikoli tal-poeżija moderna malt'ja.

Għar-raġunijiet li semmejt fuq, naħseb, li meta l-poeti Cachia, Flores u Xuereb jgħannu fuq l-imħabba huma aktar imġarrbin u għalhekk ġenwini u sinċier'. Kemm hu naturali Cachia fil-versi:

"Għad tikber, ibni,
u tintebaħ
għaliex inġorr il-ħorġa
li għalkemm bil-ħobż nimlieha,
jien stess għaġ'ntu bil-għaraq ta' ġbini
u bil-ħmira ta' moħħi ħbiżtu;"
(Fejn sejjer hekk km'eni)

Kemm hi ħierġa mill-qalb l-karba ta' Flores meta fil-ġm'el ta' l-imħabba jħoss l-'nċertezza tal-futur:

"Jien inħobbok kif tennejtlek bosta drabi
fit-tgemgim ta' qalbi.
Iżda frotta ta' d'nja-xagħri
aħna
għandna
quddiem imċajpar wisq".

Analitiku u konċiż Xuereb fil-poeżija *"Sider"* li tiġbor t'sta' tgħid kull imħabba — patrijottika, b'eżla, żienja, materna, u divina. Forsi hawn min ma jaqbilx miegħi, imma nsostni li s-s'nċerità u s-semplicità jisbqu l-komplessità u l-oskurantiżmu esaġerat modern. Naħseb li poeż'ja li ġejja tagħmillu ġieh lil Xuereb.

"Rajtek togħla, tilheġ tieqaf
Kontra sider ta' gwerrier.

Rajtek taħdem għarqan xraba
Tonġor ħaġra, taqta' x-xgħir.

Rajtek f'saħna ta' demm ibleh
Laħam mixtri u mibjugħ.

Rajtek tredda' tari, mimli
Ħalib bnin lil min bil-ġuħ.

Rajtek l-isbaħ għand Lhudija
Għelm ta' safa u bjudija.

Iżda barra l-motivi ta' l-imħabba t-tliet poeti għannew ukoll fuq ħafna suġġetti oħra. Tista' tgħid li t-tlieta jaraw il-frugħa u l-'stmerrija tal-kburija; jibku wkoll iż-żgħożija li qed titbiegħed u tħallihom; jixtiequ s-sliem u jsibu n-niket; ifakkru l-mewt ta' nies qalbiena bħal Kennedy u K'ng, imma aktar minn dawn kollha qalbhom hi marbuta mal-ħajja ta' żmienna.

Il-kontribut tagħhom fil-letteratura maltija hi fuq kollox it-twessigħ ta' tixb'hat ġodda u friski u t-tħadd'm ta' motivi ta' din l-era moderna.

Biex insemmu kollox inżidu li l-għadd ta' l-għeltij'et ta' l-istampa setgħu tnaqqsu b'aktar *proof reading.*

**Gucar.**

**"TKATTIR TAL-PJANTI"** ta' Peter A. Caruana. National Press, Malta — 1969. Paġ. 102.

Illum hawn ħafna nies li jiddilettaw bil-qsari u bil-pjanti għax dawn mhux biss isebbħu l-post fejn ikunu, iżda wkoll huma ta' passatemp għal min jieħu ħsiebhom; forsi ma hawnx passatemp aqwa minnu li jnissel ferħ, għaxqa u għoġba, u li kulħadd jista' jixxiegħel fih. In-namra għall-fjuri tidher kemm hi kbira u kemm hi popolari mill-Wirja tal-Fjuri li s-Soċjetà tal-Ortikultura torganizza kull sena fil-Ġnien ta' San Anton, u li fiha jieħdu parti nies ta' kull klassi u ta' kull età.

Għalhekk hu ta' sliwi kbir dan il-ktieb li ħareġ is-Sur Caruana fejn wieħed jista' jsib tagħlim dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tkattir tal-pjanti.

Ħafna dilettanti jitilfu l-ħrara li jkollhom għall-pjanti u l-fjuri wara li jiltaqgħu magħhom fil-koltivazzjoni. Xi drabi ż-żrigħ, it-tixtil, it-tkabbir u t-tkattir ma jirnexxux ħtija ta' nuqqasijiet żgħar li wieħed jista' jevitahom bi ftit ta' ħsieb. B'dan il-ktieb f'idejh, id-dilettant jista' jieħu wiċċ ta' fjuri sbieħ u b'saħħithom.

L-awtur kiteb dwar kull ħaġa li tidħol fit-trobbija tal-pjanti, bħalma huma post, ħamrija, tisqija, razza u mard, għax kull waħda minn dawn tista' tisfratta jew tħarbat il-għelejjel tal-pjanti.

L-awtur fisser b'manjiera ċara u ħafifa kulma jeħtieġ biex id-dilettant joħroġ sodisfatt; imma dan il-ktieb igħodd ukoll, u forsi aktar, għal dawk li jinnegozjaw bil-fjuri u ż-żrieragħ. Dan in-negozju llum ħa xejra kbira u qiegħed jirfed mhux ftit l-esportazzjoni ta' pajjiżna. Għalhekk dan il-ktieb kien hawn bżonnu mhux biss biex jaqdi d-delizzju iżda wkoll biex isaħħaħ il-kummerċ f'dawn il-Gżejjer.

Ġ.

**"GOOD FRIDAY PROCESSION AT QORMI"**. Bl-Ingliż u bil-Malti, ta' Rev. Joachim Schembri, B.A., Lic.D., Lic.S.Script. Malta — 1969. Paġ. 34.

Din hi edizzjoni ġdida ta' ktieb li kien ħareġ is-sena l-oħra bl-Ingliż biss. Meta ħareġ dan il-ktieb l-ewwel darba konna għidna: "Dan il-ktieb xtaqna rajnieh imżejjen bi stampi u b'ritratti u naħsbu li kieku joħroġ bil-Malti wkoll, jinqara bil-gost u jkun ta' fejda lil ħafna Maltin". Din il-fehma tagħna twettqet f'dan il-ktieb li ħareġ issa.

Il-ktieb fih żewġ ħwejjeġ sbieħ u ta' siwi, żewġ ħwejjeġ li jqanqlu l-qalb u jpaxxu l-għajn; huma: it-tifsir ta' episodji fil-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-ġmiel ta' l-istampi li jżejnu din il-biċċa xogħol.

It-tifsir u t-tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa u l-ġrajja tal-Passjoni ħarġu mill-pinna ta' Dun Ġwakkin Schembri, Lic.S.Script, qassis żagħżugħ u għaref studjuż tal-Iskrittura, bħalu ftit hawn min hu kapaċi jfisser bl-Ingliż u bil-Malti s-simboliżmu, it-tagħlim u t-tifkiriet marbuta mat-tbatija u l-mewt tal-Iben t'Alla.

L-istampi u r-ritratti bil-kulur huma sehem ta' l-Arċipriet, Dun Gerald Frendo li għandu għal qalbu wisq il-Proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-parroċċa tiegħu li bil-ħila u l-ħeġġa tiegħu kabbarha u llum ġiebha bħala l-aqwa spettaklu reliġjuż fil-Gżejjer tagħna.

Kull sena eluf ta' nies, Maltin u barranin, imorru jaraw dik il-Proċessjoni, u lilhom kollha dan il-ktieb jaqdi biex jifhmu aħjar u jitgħaxxqu b'dak li jaraw.

Ġ.

## TWISSIJA LILL-KONTRIBUTURI

Jiddispjaċina ngħarrfu li qed jaslulna kontribuzzjonijiet għall-istampa b'ittri mitfijin li ma jingħarfux, fejn ukoll, l-ittri Maltin ma humiex immarkati b'dijakritiċi. Hekk ukoll insibu f'xi kontribuzzjonijiet miktubin bl-idejn. Dan hu xkiel kbir, sew għall-kompożitur ta' l-istamperija, kemm għall-Editur li jrid joqgħod jaħli ż-żmien isewwi l-kitba ta' manuskritti qabel ma jingħataw għall-istampa.

Jixraq l-ewwelnett li min juża t-'typewriter' ibiddel iż-żagarella meta din tiqdiemlu biex l-ittri jkunu jidhru ċari; it-tieni, fejn it-'typewriter' hi nieqsa mit-tipi Maltin, il-kontributur għallinqas jimmarkahom bil-pinna jew bil-'biro'. Hekk ukoll meta l-manuskritt hu miktub bl-idejn.

Aħna ma nixtiqux nibagħtu lura l-kontribuzzjonijiet minħabba n-nuqqas li semmejna biex tingħata kopja oħra iżjed xierqa, jew minħabba f'hekk niskartaw il-manuskritt. Ma nixtequx nieħdu dan il-pass.

## INFAKKRU

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.

---


### "DIZIONARIO ARABO MALTESE ITALIANO"

di

D.G. BARBERA

Baqa' għall-bejgħ xi ftit kopji tad-dizzjunarju Malti ta' Barbera f'erba' volumi, jiswa £5.

Kull min jixtieq jixtri kopja qabel jispiċċaw, jikteb bla telf ta' żmien lill-Professur Rev. Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D., 8, St. Mary's Street, Tarxien.

GIOV. MUSCAT & CO. LTD. — MALTA — PRINTERS.